Teatru Salesjan - Sliema -

Arkivju ta' l-Iscripts

No. 080



...... TVTTO CHE AL MONDO È CIVILE
GRANDE, AVGVSTO, EGLI È ROMANO ANCORA
G. CARDVCCI




L'IMPERATORE COSTANTINO (274-337)

Statua nel portico di S. Giovanni in Laterano a Roma (fot. Alinari)

# QVADERNO

32 pages $\frac{1}{2}$D

ROMA IMPERIALE

# "CHRISTUS IMPERAT."

jew

# RUMA TA COSTANTINO

Dramm f'4 Atti u Prologu

Sig. Galea Carmelo S.C.

Id-dramm jisvolgi ruhu f'Ruma fl'ahhar zmien tal persecuzioni. Epoca 312.

Id-dedicat lil mahbub Direttur SaC.
Don Corrado Pepe Salesiano.
Festa tal "corpus Domini" 16 ta Junju 1938.
Sliema Malta.

# "CHRISTUS IMPERAT"

## Persunaggi

| | |
|---|---|
| Melchiade | Il papa tal paci. |
| Costantino | Il cbir Imperatur Augusto tal Gallia. |
| Eusebio | Isqof ta Cesarea, consultur ta Costantino. |
| Massenzio | Imperatur Augusto ta Ruma. |
| Clatilde | Il mara ta Massenzio. |
| Galeriano | General f'larmata ta Cesare. |
| Ario | Sacerdot ta l'idoli pagani. |
| Caio | Patrizio Ruman, princep ta Marco. |
| Cornelio | Senatur, duce tal poplu. |
| Benjamino | Bin Cornelio, tifel ta 12 il sena. |
| Aronne | Hu Benjamino ta 10 snin. |
| Mefistofos | Traditur ta l'Insara, b'ghajn wahda. |
| Noto | Qaddej ta Cornelio. |
| Babziban | Satana. |
| Brittanico | Suldat Gallo, imbghad General. |
| Olimpio | Tribun. |
| Cassio | Ghassies tal habs Mamertino. |
| Diaconi | |
| Insara. | Suld Rumani, Suld Galli, patrizi Rumani. |

Prologu.

Ma gemb l'Alpi ta Torino.

Camp cbir abjad ta l'Imperatur Costantino, fil berah ta l'izbah campanja mimlija bis-sigar u thammar bil fjuri. Aktar fil boghod xi campijiet ohra tas-suldati ta Costantino u fil fond tax-xena jidru l'Alpi ta Torino ghadhom imghottijin bil borra.

Scena I.

Eusebio u Costantino. u Suldat

(Mat-tluh tas-separju jistama daqq ta trombi u minnufieh kant ta ferh tas-suldati)

Cost. (Johrog mil camp tighau u warajh Eusebio)
Habib eccelentissimu Eusebio, isma b'liema ferh kamu dalghodu is-suldati taghna!

Eusebio. Iva Augusto Imperatur, dan il kant hekk allegru juri bic-cjar illi is-suldati tighac keghdin jippreparau qalbhom qawwija ghal dina il gwerra.

Cost. X'jidirlech kemm ghaddejnieh tranquill il-lejl L'anqas hassejna werqa ticciaqlaq........

Eusebio Tasseu Sire, chien qisu lejl il-ghena, inqas temmen illi ninsabu fit-taqbida tal-gwerra.

Cost. Ghejdli ahjar ninsabu f'halq l'ghedewwa. Massenzio L'usurpatur tat-tron ta Ruma, wara li jiena tajt il-condanna tal mewt lil-missieru Massimiano, ghax fittex darbtejn li joqtolni, issa huwa mhux cuntent li seraqli il belt eterna ta Ruma u tela fuq it-tronn, izda qieghed iffittex il qerda tighaj u ta l'augusta Imperatrice, mahbuba ommi Elena.

Eusebio. Veru Sire, imma din id-darba gejt inti ghalieh u nahseb illi fost tant vittorji li ghamilt f'hajtek, din sejra tcun l'acbar wahda illi li storja taghlaq fil ktieb tahha, u figha tibqa ir-registrata sal consumazioni tas-secoli.

Cost. Jekk inti dan tawgurali, jiena nizikhajr b'qalbi kollha.

Eusebio. Nauguralek tassew min qalbi o cbir gwerrier tal Gran Brettanja.

Cost. Oh il-liberta tar-Rumani, kemm dmuh ma nixxuttax jekk jiena jirnexxili nidhol trionfalment gewwa Ruma!.....

Eusebio. Ir-Rumani ma jifilhux jissaportu izied taht it-tirannija ta Massenzio u sa l'istess senaturi huma maqghudin fehma wahda mal poplu Ruman biex jaraw lil Maesta tieghek timpera fosthom. (Hsejjes)

(Hsejjes)

Cost. Nimpera fosthom? Isma! (Jghoqod hosbien u imur ihares) L'eserciti ta Massenzio jinsabu ftit mili boghod minna, hawn ma gembna taht l'Alpi ta Torino, u taf int kemm jghoddu, mahbub Eusebio? In-numru tas-suldati Jghodd mal 160elf u 18 il elf ziemel, mentri ahna 40 elf suldati u 500 mitt ziemel, u illum jew ghada irridu niltaqghu sider ma sider ghat-taqtigha. Inti Eusebio, bhala Isqof ta Cesarea, bniedem ispirat min Alla ta Israeli u consultur tighaj xi tghajdli? Ma jidirlecx illi il posizioni tghana hija tassew tragica?!

Eusebio — Hija verament tal biza, ghal kul suldat tghana huma ghandhom 5, pero il kuragg jiswa actar min-numru Sire, u mal kuragg hemm anche il fidi.

Cost. — Il kuragg kieku ma jonqos~~homx~~nisc, imma il fidi....

Eusebio. — (Wahdu) Missejtu fil-laham il haj.

Cost. — Taf xejn Eusebio jekk is-sentinella li qieghed jghamel l'ghassa fuq l'Alpi ta Torino wasalx haj, qawwi u shieh bl'ahbarijiet ta dan il-lejl.

Eusebio — Dalwaqt mieghek Sire. Halli immur insaqsi lil kmandant tal-milizzia. (Jidlaq)

## Scena II.

Costantino wahdu.

Cost. — Il kumpanijja ta dan l'isqof Eusebio hija nofs il kuragg tighaj, u ghalekk ghaziltu bhala consultur tighaj, f'hagia wahda biss li ma naqblux: hua nisrani, dixxipolu u fanatiku ghad-duttrina tan-Nazzarenu, mentri il Fidi tighaj hijja biss f'Alla ta Israeli. Iva ma nobghodx lill'Insara, anzi nipproteggighhom il ghaliex huma l'aktar nies iddixiplinati li ghandi fl'Imperu tighaj, imma din is-setta ta Insara, li jadoraw bniedem li gie accusat bhala malfattur u qatluh fuq il-forka tas-salib dan hua veru genn, dan huwa veru fanatismu, le, l'Imperatur Costantino ma ikun qatt illi fieh iqighed il fidi tighaw.

## Scena III.

Costantino, Eusebio, u Brittanico.

Eusebio — (Jidhol warajh Brittanico) Sire Jekk il maesta tighak tippermetti, is-sentinella xtaq li jigi huwa stess itik l'ahbarijiet.

Cost. — Ghajdlu jghaddi! Merhba bieh dejjem. ,

Eusebio. Brittanico l'Imperatur jippermettilek tkelmu

Brittan. (Isellem militarment) Il ghodwa it-tajba o cbir Imperatur tighaj! Qlajt grażżja minghand il General Alessandro illi nigi inkellmek.

Cost. Inti min int?

Britt. Brittanico Sire!

Cost. Ismek jogobni Brittanico. X'tirraccontali milli ghadda minghalik dal-lejl?

Britt. Sire, l'ewwelnett ippermettili ghan-nom ta shabi, is-suldati kollha, nghamillek tifkira!

Cost. U tkun?.......

Britt. Ghaliex l'Imperatrici ommok Elena bhal-lum ghalqet sena li hadet it-titolu ta Augusta.,,,

Cost. Ghandek ragjun, u jiena bhal dan il-mument imissni qieghed ma gembha qalb il kbarat tal Gran Brettanja u tal Gallia f'nofs il festi tas-sala imperjali miksijja bid-deheb u bil fjuri mghennija bl'izbah kant u sfin, izda ninsab hawn f'dan il berah tal kampanja fost l'akbar taqtieh ta qalbi.

Britt. Sire, meta ghandek suldati ihobbuc bhalna ma ghandecx ghalfejn taqta qalbek.

Cost. Bravu! Inti hua il veru suldat illi thobb lil Imperatur tighak.

Britt. U bhali, shabi kollha, Sire. U ghalik, iva ghannom tal Gran Brettanja, tal Gallia u tas-suditanza tighak collha, b'tifhir lill' Imperatrici ommok, sejrin noffrulek dan il fjur. (Jippresentalu fjur cbir abjad.)

Eusebio, Dan huwa fjur mill'aktar rari, maesta!

Cost. (Li ha il fjur u xammu.) Anche intkom, is-suldati tafu id-debolizzi ta l'Imperatur tghachom?

Britt. Iva Sire, ahna nafu illi l'Imperatur tghana ihobb hafna il-fjuri, u ghalekk jiena ma qadc inqis pericolu, u biex gibtlek dan il'fjur hekk rari, tlajt fuq muntanja mghottija bis-silg u ixxabbat u ipperikolajt il hajja tighaj.

Cost. Ipperikolajt hajtek? (Ihares lejn Brittanico).

Eusebio. Sire, hija hagja tassew f'waqta! Dan il fjur ir-Rumani isejhulu fjur Imperjali, u oltri illi ifakkarna fl'Universarju ta L'Imperatrici ommok, dan iservi bhala augurju tad-dahla tighak Imperjali fil belt eterna ta Ruma.

Cost. Min fommok l'Alla, Eusebio! (Idur fuq Brittanico) Brittanico, x'int capaci taghmel int ghall' Imperatur tighak?

Britt. Sire, jekk jiena issograjt hajti biex ingieblek fjuri, ahseb x'inkun capaci naghmel ghal hajja tal maesta tighak, u dana jghajduh shabi kollha!

Cost. Bravu! Tista tmur!

Britt. Ahfirli Sire, ma ghad ghandi xi nghajdlek!
Cost. Ahbarijiet ta dal-lejl?
Britt. Eccu Sire! (Johrog ittra min hobbu u jghtijielu) Dina l'ittra tatik prova ghall'attenzioni illi jiena ghandi ghal mahbub Imperatur tighaj!
Cost. Din l'ittra kif giet ghandek?

Britt. Nibda biex nghejdlek illi dal-lejl imxejt ma l'4 sighat fuq l'Alpi u meta wasalt f'certu pont, kien et kemm ghada spuntat ix-xemx, nilmah eluf ta corazzi, elmijiet u xwabel ileqqu ghal ghajn ix-xemx.

Eusebio. Is-suldati ta Massenzio accampati gio' Torino?!
Cost. Nixtieq naf kif giet ghandek dina l'ittra!
Britt. Dan jiena kont qieghed nippassigga fuq is-silg kien ghadu id-dawl ta qamar, fil hin fil boghod nilmah elmu ta suldat, ileqq bhal fidda, u li kien dejjem riesaq lejja. Jiena kont pront hrigt ix-xabla, u fil hin nisma min jeghejdlu "Habib Tighac" Ersaqna ictar ma gemb xulxin u insib ma gembi suldat Ruman, li kien pront ikkonsinjiali dina l'ittra biex intija lilek, o Sire!

Eusebio. Dan hua fatt ta meraviglia, Maesta!.....

Cost. Suldat Ruman? Ma qallekx x'jismu?......

Britt. Qalli biss biex meta taqrgha dik littra, izzomma b'lakbar secretizzi!
Cost. Tajjeb Brittanico, ghajd lil shabek illi l'Imperatur leqgha bil ferh l'awguri taghhom! Tista tmur
Britt. Alla ~~jghajnek~~ mighac, Sire. (Isellem u jitlaq)
Eusebio Sire, nikkonsiljak li taqra mill'aktar fis dina l'ittra ghaliex dina fiha tghalaq xi misteru kbir.

Cost (Jiftah il pergamena u jaqra) "Mahbub futur Imperatur tar-rumani, jiena fl'isem tal-poplu tighaj Ruman, illi lilu nippresenta fl'isem ta l'Imperatur Massenzio, sejjer niktiblek ghat-tieni darba u specialment fl'isem tal-Vigarju ta Cristu il Papa Melchiade u L'Insara kollha li qeghdin isofru l'acbar hruxijja tal martirju li s'issa Ruma ghada qatt ma rat tant demm ihammar fuq il qigha ta l'anfiteatru u mal hitan tal habs ta Mamertino. ~~Int li meta kont tiggoverna lil Ruma~~ Inti dejjem ipprotegejt lill' Insara, fittex ejja halli tkun issalvatur ta min qieghed isofri u tishaq taht riglejk

darba ghal dejjem l'ittiran ta l'Umanita, Massenzo. Ahna ilkoll mighak, kuragg. Is-Serv tighak Cornelio, senatur, taht libsa ta semplici suldat; "X'jidirlek Eisebio min dina l'ittra?"

Eusebio. O Sire, inti hua il veru anglu mibghut mis-sema! Iva bhala Isqof ta Cesarea, ma nistax ma nahsilx wicci bid-dmugh quddiem tant missierietna, il papiet, li xerdu fil hruxijja tal martirju! Fittex illibera il missier tighaj, il papa u kisser il ktajjen ta min qieghed jagonizza fid-dlamijiet tal habs, ta Cesare, f'gieh dak Gesu Nazzarenu li miet ghalina fuq is-salib.

Cost Fl'Isem t'alla ta Israeli, iva, imma nitolbok tergjax issemmili lil Gesu tanNazzaret illi jiena bieh ma nemminx.

Eusebio Fl'isem t'Alla hemm bzon illi inti issejjah lis-suldati tighak u tiddisponijhom ghal battalja.

Cost. Kif sejjer ikolna dak il kuragg li immorru nif-fruntaw sidirna kontra l'ghadu, meta nafu li ahna tant debboli u huma ghandhom dik il qawwa tas-suldati kollha!

Eusebio Sire, Bil fidi tharrek il muntanji ~~t[illegible]~~ min post ghall'iehor, mar jghajd Gesu lill Appostoli tighaw.

Cost. Eccu il filosofija tighak, Eusebio!

Eusebio ahfirli jekk inqastek Sire, imma jiena midluk biz-zejt u icconsakrat bhala isqof tan-Nazzarenu, il fiducja tal vittorja tghana, hija kollha fil mahbub Gesu tieghaj.

Cost. Ma tipperswadinix Eusebio!

Eusebio Ahfirli Imperatur, ma inti ghandek qalbek wisq nobbli biex tirrifjuta li tistqarr il Fidi f'Gesu ta Nazzaret.

Cost. Eusebio, jiena ghaziltek bhala cosultau tieghej, ghalhekk gibtek mighaj sa fuq il kamp tal Battalja u mhux biex ticconvertini ghal Cristu li ma jesistix.

Eusebio Ghad ghadi il lehen ta l'Imperatrici, ommoc bhala echu gewwa widnghejja, tiftaqar meta tlaqna nin Gran Brettanja, dik il qaddisa ommok x'tifkirit hallietlek?

Cost. Iva niftakar u zammejthom mictubin ghawn gewwa qalbi.(~~[illegible]~~) "Ibni Costantino, uniku iben tighaj mahbub, inti sejjer biex tifdi lil Ruma u lill Insara li qieghdin isofru taht il madmad ta Massenzo, Jiena imbierkek, pero fil periklu tal mewt ftakkar illi taghmel is-sinjal tas-salib fuq gbinek u fuq sidrek "Ommok l'Imperatrici Elena! (jibqa jirriflette) Dawn huma kollha loghob tat-tfal.

Eusebio Le Sire, ahfirli, ommok ma hiex tfal. Is-salib huwa it-tron tar-re tar-rejijiet kollha tad-dinja. Sire inti ma temminx illi l'iben t'Alla sar bniedem u miet fuq is-salib?

Cost. Le Eusebio, jiena nemmen biss f'Alla, u fil qawwa tas-suldati tieghej. Fighom biss nista nispera il Vittorja.

Eusebio (Jinzel gharkubbtejh quddiem Cost) Mahbub Imperatur tighaj, nitolbok bil hniena f'gieh dac id-demm illi xerdu il martri kollha ghal Gesu Cristu, f'gieh id-dmugh ta l'Imperatrici ommok, itma f'Gesu!

Cost. MOVIMENT Gia ghellek illi it-taghma tighaj ijja fil qawwa tas-suldati.

Eusebio Is-suldati taghna huma ftit wisq u ghalhekk il vittorja hija difficli! (Fil hin jinstema xi moviment.)

Cost. Dawn il-hsejjes? (Imur ihares) Qieghed nára lis-suldati tghana jimxu bi premura, forsi wasal il mument tragiku tghana.

Eusebio. (Irodd is-salib) Nitolbok Sire, f'dan il mument hekk terribli, bus dan is-salib imqaddes jekk inti trid illi ahna inkantaw l'innu tal vittorja! (Jippresentalu is-salib)

Cost. Eusebio la tittantax lis-sinju tighak, jekk ma tridx li ninsa li int habib jiena id-dutrina tan-Nazzarenu qatt ma segwejta u ghalhekk sejjer neighdlek ghall'ahhar darba illi jiena ma nemminx bis-sinjal tas-salib! (Eusebio jibqa sconfortat jitlob, ghajnejh lejn is-sema fil hin il palk jibda jiskura u fil bjuda tas shab jitfacca salib min dijja l'aktar splendenti illi jghamoni l'ghajnejn u fuqu hemm mictub "In hoc Signo Vincis.")

Eusebio Oh! Prodigiu l'iktar cbir! (Imur isejjah lis-) suldati! Ejjew ghatu xieda ta dan il prodigiu anche intkhom! (Daqs tletin ufficjal u suldati Galli johorgu jigru u malli jaraw id-dijja tas-salib jinzlu gharkubbtejhom ilkoll)

Cost. X'qeghdin jaraw dawn ghajnejja? (Costantino li s'issa baqa bhal wiehed konfus, hawn anche huwwa jinzel gharkubbtejh u bl'akbar hegga ihares lejn is-salib) Iva mahbub Eusebio, nemmen f'Gesu Nazzarenu! (Irodd is-Salib)

Euselio O Sire, x'mument kemm huwa sabieh! Dan is-sinjal tas-salib jiddi b'hala xemx fuq il bjuda tas-shab. – Huwa sgur il frotta tat-talb ta dik il qaddisa Imperatrici ommok Elena fil hin li eluf ta suldati Rumani qeghdin isinnu ix-xwabel taghhom biex bighom ixerdu id-demm nobbli tighak, l'Imperatrici Elena qeghda titlob ghalik u ghas-suldati tighak. Ghalik qighed jitlob ukoll is-sommo Pontefice. O helu salib illi fuqghek ittemmet il vittima ta Divina, int min dak il mument mil patibolu tal forka infami imbdilt fi tron ta adorazjoni fi tron ta imhabba. Iva inti sejjer tkun id-dawl tal Vittorja taghna.

Cost. Eusebio, x'inhua qatt illi iffisser dan is-sinjal tas-Salib li qieghed jiddi fis-Sema.

Gesu (Jitfaccja bis-salib f'idu) Costantino, jiena ghaziltek biex tkun il-liberatur ta Ruma, poggi fuq l'istandard tighak dan is-sinjal tas-Salib u inti bieh tirbah, mur Ruma u ohrog mid-dlammigiet tal Catakombi ghad-dawl tax-xemx lil Vigarju ta cristu sabiex is-Salib tighaj jimpera! (Il visjoni ta gesu jispicca)

Cost. Oh Mirakolu l'aktar sublimi! Iva mahbub isqof Eusebio, icun dan is-Salib illi jwassal fit-trab l'idoli kollha u ma ihghalliex gebla fuq lohra mit-tempji tal-paganesmu, ikun dan is-salib illi idahhalna trionfalment gewwa Ruma sabiex immorru nilliberaw lil dawk l'insara li qeghdin isofru il hruxijja u jghati il-liberta lill-Irsira kollha. Fl'ahhar nett ikun dan is-salib illi jerga ipoggi il kuruna fuq ir-ras tal qdusijja tighaw il papa. Nissichajr Alla tighaj! ( Jghannaq lil EUSEBIO) mahbub tighaj Eusebio, hemm bzon mill'aktar fiss natu bidu ta battalja.

Eusebio  Iva Sire, immorru halli inroddu dik id-dahqa li ghal tant zmien ilha ma tidher fuq wicc il poplu Ruman. (Idur lejn id-dehra tas-Salib)

~~Costantino~~ - O Salib Imqaddes, mexxina inti bhal ma mexxejt lis-slaten Magi sabiex isibu il vera dawl.

Costan. - (Idur b'hegga lejn is-suldati) Suldati! (Is-suldati li s'issa qeghdin gharkubbtejhom quddiem is-salib, iqumu f'daqqa wahda u iselmu lil Costantino.) Bis-Salib fuq listandard tghana ghandna nirbhu! (Kant tas-suldati. Trionf tas-Salib)

Canto

## Scena Ultima.
## Brittanico u ta qabel.

Britt.  (Jidhol jigri affannat u imur quddiem Costantino u isellimlu) Sire!

Cost.  Jaqaw Brittanico, mort iggibli xi fjur sabieh iehor?

Britt.  Ahfirli Sire, din id-darba mhux fjur, izda gibtlek ahbar hazina bil bosta!...Ir-Rumani telghajn min Torino ghal fuq l'Alpi u ghoddhom waslu fuqna.

Cost  Brittanico, gharfa ghajnajk lejn is-sema u hares lejn il prodiggiu!

Britt.  (Jhares lejn is-sema u malli jara id-dijja tas-Salib jghatti ghajnejh) Id-dawl qieghed jghamini!

CONFUZJONI - GHAJJAT - HSEJJES

Cost.  B'dak is-sinjal ahna nirbhu! (Fil hin jinstama confusioni ta gwerra min gewwa, ghajjat u hsejjes ta xuabel terribli.) Suldati! Fl'Isem tas-Salib Imqaddes morru inghaqdu ma shabchom u aqbdu l'armi f'idejkhom. Jiena nigi ukoll mghakom ghal Vittoria.

(Huma u hergin confusament, is-separju jinzel jigri.

## Jispiccja il Prologu.

### Atto I.

Dawl Blu. Fil katakombi ta Ruma. Lejla qalila ta bard tas-silg (borra). Max-xellug hemm bhal artal li jirrapresenta ir-reliquarju ta l'ghadam tal qaddisin, l'artal huwa mimli bil fjuri u ma gemb ir-reliqwi xi fjaccoli jixghalu. F'rokna hemm fuglar tan-nar jaqbad, biex l'Insara jishnu xi ftiet. Hemm ukoll il-qabar ta San-tarcizju.

### Scena I.

Mefistofos qieghed ma gemb il fuglar isahhan idejh, Melchiade bilqeda fuq gebla f'nofs il palk u imdawwar min hafna Insara li qeghdin ghal qija ta l'art jisimghaw it-taghlim tal Papa bl'akbar attenzioni. Benjaminu ma gemb Mechiade.

Melch. (Jispjega) Allura Gesu qal lid-dixxipoli tighaw "Mandkomx ghax tiddejqu x'ghad isir mil hajja tghakom biex tiklu u biex tilbsu, l'ghasafar ta lghajru la jizirghaw u l'anqas jahsdu, eppure Alla jejghixhom. Harsu lejn il gilji kif jejghxu minghajr ma jahdmu u jilbsu minghajr ma jinsgu, eppure nghejdilkhom is-sewwa illi anqas Salamun bil gid tieghu kollu, qatt ma libes libsa hekk rikka u sabieha. Mela lewwel ficcju ir-renju t'Alla u ghal bqijja jigikhom mil gholi tas-sema."

Mefist. Santita, missier tighaj, ahfirli, ma jiena..... jiena dejjem naffanna ruhi u bit-tahbit tighi kollu ghad ma nistghax naqla il-ghajxin tal hajja.

Melch. Ah, Mefistofos, inti avolja xahar ilu nizel l'ilma tal mghamudija fuq rasek, ghad

ghandek qalbek marbuta mad-dinja. Ma kellekx hila taghmel sacrificcju twarrab min ma gembek dak in-nar u tigi tisma il kelma tal-Vigarju ta Kristu.

Mefist. Missier tighi ahfirli, ghadni kemm gejt min fuq il pont Jonicolese u sfidajt il-qilla tal ilma u is-silg fuq dahri.

Melch. Tajjeb Mefistofos, jiena nahfirlek, izda ftakar li kollx ghad [illegible] ~~jsir~~ it-tmiem tighau, imma il kelma t'Alla ma tispicca qatt. Gwaj ghalikhom o Farizej.........

Mefist. (Ikum, imur ma gemb il Papa u jinzel ibuslu riglejh, imbghad jiffissa lejn ghajnejh.) Santitá ghaliex qieghed thares hekk lejja?

Melch. Il ghaliex fik qieghed nara il biza.

Mefist. Ahfirli Santita, jiena midneb kbir. (Jibda jghati fuq sidru)

Melch. Gesu qal lid-dixxipoli tighau: "Ahfru seba ghal sebghajn darba" Qum min hemm Mefistofos u ghamel kuragg, jiena dalghodu fuq affarijiet ohra nixtieq inkellimkhom: Uliedi, jiena bhala Vigarju ta Gesu Kristu, fuq dina l'art inhoss li ghandi naqsam il biki u il ferh ma dawk li tiga inhasslu bl'ilma tal maghmudijja u anche ma dawk li ghad iridu jithlu fil qassam t'Alla. Il Papa huwwa missier ta kulhadd anche ta dawk li qeghdin jippersegwitaw il Knjisja tighau, jiena inhobb lil kulhadd, nitlob ghal kulhadd.

Mefist. Missier, ghandna nahfru anche lil dawk li jghamlulna id-deni u lil ghedewwa taghna?

Melch. Gesu qal min itik daqqa ta harta, dawwarlu haddejk biex itik ohra.

Mefist.    ma l'Imperatur Massenzo ma ikunx kuntent billi jghatik daqqa ta harta biss, dawk id-delitti tighaw huma kbar wisq.   Ahfirli Missier imma nikkonsiljak.....(Ihares ma dawra bhal traditur)

Melch    Tikkonsiljani?......

Mefist.    Illi taghlaq din il knisja fil Katakombi u tohoda post iehor fil kampanja ta Ruma....

Melch.    X'inti tahseb Mefistofos?

Mefist.    Il Kap tal pretorju tigja wassal f'widnejn Massenzjo, l'Imperatur ta Ruma illi il qdusijja tighak qeghda iz-zomm lil-Insara gewwa din il Knisja tal katakombi biex taghllimhom id-dutrina tan-Nazzarenu, u l'Imperatur minnufieh hareg degrit li jghalaq il knejjes kollha. Ghaldaqstant x'tistenna minn minuta ghal l'ohra?.....

Melch.    Ikun qatt veru?

Mefist.    Verissimu Santita. Forsi inti ghad ma intix infurmat fuq il stragi li il pretorjani ghamlu il bierah mill'Insara ta Ostia?......

Melch.    Kif? (Kontra xena ta l'Insara.)

Mefist.    Il bierah il kap tal pretorju ma daqs 48 suldat bdew iduru ma kull fejn ghandhom xi suspett li jinsabu xi Insara mohbijja fil katakombi u l'ewwel ma bdew ghalqu il knisja ta Ostia, u lil dawk kollha li ma ghaccettawx jitfaw l'incens lill'Allat ta Cesare qabduhom u dal-lejl giet esegqita il condanna tahhom ghal qtih ie-ras.

Melch.    X'jiena nisma?! (Kontra xena ta l'Insara) Il mahbubin ulied tighaj! Ah! X'ghafsa ta qalb! Jghalquli il knejjes kollha?! U dana kollu inti kif gejt tafu Mifistofos?

Mifisto    Jiena spiss immur fil pretorju, ghaliex ghandi

xi hbieb benefatturi tighaj u bil mod il mod qieghed infittex illi nikkonvertijhom ghal knisja ta Kristu.

Melch. Inti midhla tal pretorju? Irrakontali. Forsi ghamlu xi kommenti fuq il Vigarju ta Kristu?

Mefist. Bil bosta Santita, meta jiena dhalt fil pretorju sibthom qeghdin jghamlu kongura kontra l'Insara kollha..... il pretorju huwa kollu mixghawl li kieghnet ix-xewqa tieghek illi l'Imperatur Costantino jitlaq bis-suldati tighaw mil Gallia biex jigi Ruma u twaqqa lil Massenzio min fuq it-tron tighaw, u issir inti padrun ta Ruma.

Melch. Ah ma hux veru. Din hija calunja, il Papa mghandhux bzon jiggoverna nazzjonijiet, imma ghandu bzon erwieh biex iwwassalhom fil hdan t'Alla. Costantino ma huwiex qieghed jghamel haga ohra hlief jiddefendi id-drittijiet tighu.

Mifist. Pero Santita ghandi narfek ukoll illi il bicca il ckira tal poplu u sa l'istess senaturi huma favur Costantino, ghaliex hadd ma jiflah joqghod izied taht it-tiranijja ta Massenzio.

Melch. Mur int ghajjat fil pretorju illi il Papa missioni wahda ghandu: "Li jiddefendi ir-Religjon ta Kristu sal martirju!

Insara u ahna mieghak Santita!

Mefist. Missier tighaj Melchiade, dan li qieghed nirrakkontalek ghadu semplicement dubju f'ras il pretorju, ma ghada f'ras Massenzio jista ikun realta, u allura x'issir mil Vigarju ta Kristu, x'issir minnha ilkoll?

Melch. Kuragg, Kuragg Uliedi. Gesu ghalina miet fuq is-salib.

Mefist. Iva Santita, ahfirli; imma sew sew illum l'Imperatur Massenzio fil palazz aureo tighaw ghandu festi cbar, ghaliex il pretorju ghamlu Augusto u tah laqwa unuri tal porpra, u min jaf dan ittirann qalb il ferh tal festa jigihx il ghacc tad-demm tal-Insara?.....

Melch. Xi hsibijjiet qedin jghaddulek min rasek?!

Mefist. Massenzio capaci jghamel kollox. Il bierah l'Isqof ta Ostia bl'Insara kollha mighaw ghal qtieh ir-ras u ghada il Vigarju ta Kristu ghal halq l'iljuni.....

Melch. Dan hua verita. Uliedi nistghaw inlestu irwihna!...

Insara. Tintghamel il volonta t'Alla.

Mefist. Massenzio gie mgharuf mil vuci tal poplu bhala l'aqwa tirann u persekutùr ta l'Insara, u ghalek ma hux sejjer jiddarras biex jivventghalek xi festa fl'Anfiteatru u id-divertiment tighaw ikun it-tixrid tad-demm ta l'Insara!

Melch. Tibza inti mil martirju Mefistofos?

Mefist. Jiena nibza biss ghal qdusijja tighek. (B'malizja)

Melch. (Uliedi: imur fuq l'Insara) Uliedi tibzghaw inthom mil martirju?

Insara Le Missier qaddis taghna ma nibzghux.

Benja. Missier iva ghalik nibza, lili halli joqtluni imma allahares jigu il pretorjani u imissu lilek ghaliex mieghej ikollom x'jaqsmu.

Melch. Oh Mahbub Benjamino inti ghadek zghir wisq u anqas tghamel drieh wiehed min dawk il gladjaturi ta l'Anfiteatru.

Benja. Imma jiena dalghodu ircevejt lil Gesu ghawn gewwa sidri, l'anqas is-suldati ta l'Imperatur kollha ma jistghu ghallijja.

Melch. Bravu Benjaminu! (Ibusu fuq gbinu) Turi kemm inti attent ghal katekizmu. (Lil Insara) Uliedi, icckejken Benjaminu ghandu ragun, ahna dalghodu ilkoll ircevejna il hobs tal hajja, u ghalekk Alla jinsab bhala fortizza fil qalb taghna u l'ebda setgha ma tista ghalina.

Scena II.
Cornelju u ta qabel kollha.

Corn. (Jidhol liebes ta suldat Ruman) Il paci maghkom Santita!

Melch. U mieghek ukoll twajjeb Cornelju!

Corn. (Jinzel ibus riglejn il Papa) Berikni Missier!

Melch. (Jarfa lil Cornelio) Kun imbierek. (Jghanqu mighu) Cornelio tighi!

Benja. (Jtir ghal fuq missieru) Mahbub missieri!

Corn. Ibni Benjamino, kemm hatt gost li sibtek hawn ma gemb il qdusijja tighaw il Papa.

Melch. Spjegali kif inhi din il bicca, inti bhala senatur u Duce ta Ruma, taht libsa ta semplici suldat?

Corn. Dalwaqt nghejdlek kollox ghaziz missieri. L'ewwel nett, dawn il presenti huma kollha segwaci ta Kristu? (L'Insara iroddu is-salib)

Melch. Iva cornelio, anche Mifistofos ghalkemm fil mamghudijja ha l'isem ta Paolo u ghad ma iridc ibiddlu huwa ukoll xhar ilu sar wiehed millhulied tighaj.

Corn. (Jiffissa lil Mefistofos) Issa qieghed ngharfek il famus Mifistofos! Int M'intix il qaddej tal pretorjani?

Mefist. Kont sinjur, imma issa kif inti tarani, ikkonvertejt ghal kristu u ingbart mal qdusijja tighu il Papa.

Corn. Mela nispera illi ikkoreggejt ruhek u hallejt dak ix-xorb?

Mefist. Sinjur, minmindu ircevejt il maghmudijja ta l'Insara, qatt izied ma doqt ix-xorb. (Wahdu) Dan sejjer jirrovina il pjanijiet tighi kollha.

Corn. Tajjeb, nistma il fedelta tighek. Mela nista nirrakonta bill'liberta kollha. Missier tighej, huti gheziez, din il-lisa ta semplici suldat servitni bil bosta, ghaliex irnexxieli nidhol qalb is-suldati tal l'Imperatur Costantino bi skuza li kont nghamel l'ghassa, ghamilt lejl shih nimxi fuq is-silg ta l'Alpi ta Torino sakemm messejt il konfini tas-suldati Galli u hekk illi f'daqqa wahda insib ruhi wicc ma wicc mas-sentinella ta Costantino, u bil kelma "hbib tieghek", is-sentinella resqghet hdejja u semghetni, hrigt ittra min hobbi u ghedtlu biex jikkonsinja lil-Imperatur Costantino bl'akbar segretezza fejn urejtu illi jiena u il poplu Ruman ahna mighaw f'kollox sabiex nghatu tmiem l'ittiranijja ta Massenzio, u wara ftit irceveit ittra min ghand l'Imperatur Costantino indirizzata lilek Santita. (Itih L'itra)

Melch. L'Imperatur Costantino ftakar fija?

Mefist. (Fil gem b'malizzja) Ittra min ghand l'Imperatur Costantino, nixtieq ~~li nitlef ghajnejja l'ohra~~ inkun naf x'fiha.

Corn. Santita, ngharfek ukoll li din id-darba L'imperatur Costantino stess qieghed imarcja l'ezerciti tighu u digja qasam Susa, nisel min Rivoli u s'issa aktarx illi jinsab fi Brexia. Is-suldati ta Massenzio qeghdin jintilfu bil mijiet, waqaw tragedji ta battalji taht ghajnejja chima wiehed ma jista jirrakonthom.

Melch. Liema hasra ta guvintur meqruda. Dana kollu ghaliex fosthom ma hemx ir-renju ta Kristu Meta Costantino kien jiggoverna lil Ruma il

Knisja Imqazza kienet tirrenja fil paci.

Corn. Min ma jixtieqx li Costantino jidhol trionfalment gewwa il belt eterna ta Ruma?!

Melch. Ah! Iva, -sewwa qieghed tighd twajjeb Cornelio halli ikun jista jixxotta id-dmugh ta hafna nies sofferenti. (Jaqra l'ittra) "Santita Melchiade, il mument tat-trionf wasal. Waslet is-sigha illi jaqa it-tronn tat-tirann ta Ruma, Massenzio, u din iddarba Alla stess iridu. (Mefistofos taparsi imur isahhan idu fuq in-nar, imma b'sebgha ghajnejn jissemma) rivelazjoni li jiena kelli mis-sema tassigurani illi il Vittorja hija sigura, u il Vittorja tieghej tkun ukoll it-trionf tal-knisja Imqaddsa tieghek, "Berikni, jiena huwa is-serv tal qdusijja tighek.

Costantino Imperatur.

O providenza t'Alla! Cornelio, il conversioni tighak gibitilha hafna gid il-Knisja Imqaddsa ta Kristu! Dina l'ittra imlitni bi speranzi cbar.

Corn. Jiena ma inix hlief serx inden t'Alla.
Mefist. (Wahdu) Dalwaqt inqedtkhom f'postkhom.
Melch. Fejn huwa ic-ckejken ibnek Benjaminu?
Benja Hawn Missier tighaj!
Melch. Smajt b'dina il grazzja li taghna Gesu? Forsi bi premju tat-talb innocenti tighek li missierek gieb din l'ahbar sabieha.
Benja. Missier iva, dalghodu meta tqarbint rajt lill Gesu u qbajt nitkellem mighu.
Melch. Kif rajt lil Gesu u l'anqas teghdli?

Benja. Iva hemm fuq dak l'artal, qalb dawk il fjuri kien ckejken u jiddi bhax-xemx, beda jidhaqli u jiena ghedtlu: "Gesu tighaj salvali lil missieri u lil Papa mit-tiranni ta Ruma," u baxja rasu u qalli "IVA"

Corn. (Jaqbad b'hegga lil Benjamino) Ibni il Mahbub tighej. (Jbusu aktar min darba)

Benj. Missier, issa halli immur id-dar u nghed lill' ommi illi inti gejt, u ingib il hijja Aronne.

Corn. Iva mur u oqot attent ma min tiltaqa......

Benj. Id-dar hija vicin hafna. Birikni Santita.

Melch. Kun imbierek ibni, (Ibusu fuq ghinu) u ibierku. (Benjamino jitlaq ferhan.)

Corn. Santita, ikun qatt veru illi ic-ckejken Benjamino tighej?....

Melch. Cornelio, biex qieghed tistghageb? Forsi ma humiex dawk it-tfal innocentili jitkelmu kontinwament ma Gesu?It-tfal zghar huma l'ghaxqa ta Gesu u Hua spiss jinzel jitkellem mal qalb safja tahhom.

Corn. Veru li il Genna hija tahhom? (Tinstama ghajta kbira ta Benjamino min barra) X'ikun qatt dan? Deherli li smajt lehen Benjamino tighej! (Imur bejn il kwinti, Pawsa kbira, l'Insara kollha immorru jittawlu)

## Scena III.

### Noto, Benjamino u ta qabel kollha.

Noto (Jidhol mix-xellug b'Benjamino mejjet fuq dirghajh u wiccu mahsul bid-demm u imur jigri fuq Melchiade) O Sommo Pontefice Melchiade, inti bhala Vigarju ta Kristu, inti li taghmel tant mirakoli qajjem mil mewt ghal hajja lil bin is-sid tighej Cornelio!

Melch. Min Benjamino?!!

Corn. (Jidholmill' lemin) X'qieghed nisma?! Is-serv tighej Noto? X'inhua li gjara?

Noto O Sidi, ibnek gie maqtul mis-suldati ta Massenzio!

Corn. Ibni maqtul! (Imur jigri ghal fuq Benjamino)

Noto: O sidi, cont gej bhassoltu ghandt kdusija tighu il papa biex niehu minn ghandhu l'ahbarìjet tighec lit-tuajba martèc u ghaun fuk is-sur nghara hafna nies ~~[illegible]~~ imqallaw il folla; ersakt lein wiehed xuejjah u"X'giara"? stakseithu: Qalli: iscot ghaliex bhal dan il mument daun il geuua Ruma huma pericolùsi umbghad gibidni fil gemb u kalli: is-suldati ta Massenzio kaltu tifel, innocentament. "Min hua?" stakseithu jena bil cursita cbira. "Bin is-senatur Cornelio" wigibni ix-xuejjah. Tista tahseb O sidi chif tirt biex inuarrab il folla, Allura malair qabat lil Benjamino u geit nigri bieh ghand il Kaddis Melchiade. (Beniamino ma jghati ebda signal ta hajja.)

Corn: Katluh is-suldati?! Ma cxifc min chien?! (ma jafx fein jghati rashu, jibda jesamina il polz u kalb ta Beniamino) Iva, Beniamino il mahbub tighi ma jati ebda signal ta hajja!

Melch: Cornelio, ghandec ragiun! Povra kalb ta missier! Ma jena nicconsigliac illi tahfer u tiehu collox bil calma.

Corn: (jghannah lil Beniamino) Mahbub Beniamino tighi jecc tigi taf ommoc sgur tiggennen jeu tmut bil ghali!

Melch: Calma Cornelio, nittamau fil hniena t'Alla, kalbi tghaidli li ibnec ghadu ma hux mejjet, u ghad targia tisma il lehen tighu. Uliedi inizlu gharcuptejcom biex fit-talb tghana narau ir-rieda t'Alla. (L'insara colla jinzlu gharcuptejhom f'att ta preghiera, Mifistofos jinzel gharcupteih fuk siek wahda u jatti wicciu bien ideih) Cornelio, inti temmen f'dac Gesu illi ta id-daul lil ghomja, li naddaf lil'imgidmin u irxioxta lil mejtin?

Corn: Iva missier kaddis jena nemmen illi Alla jista collox u anche jirxioxta lil ibni.

Melch: Bravu Cornelio! Ma jecc katt Alla iridu mall' angli fis-sema?

Corn: Naccetta bil ferh ir-rieda ta Gesu Nazzarenu.

Melch: Mela poggi lil ibnec fl'art u nitolbu il-coll. (f'att ta preghiera)

Corn: (Ipoggi fl'art lil Beniamino li ghadu ma jghati ebda signal ta hajja. F'dan il hin jaka sckit cbir, fil uakt li culhadt rasu basciuta, jithol Mifistofos japprofetta ruhu mil mument u imur jisrah l'ittra ta Costantino li Melchiade poggia fuk l'artal.)

Mifis: Dina l'ittra sejjra tghaminni ghani bil bosta. Issa girja wahda biex immur nirracconta collox fil pretorju, u uara b'dina l'ittra ghal ghand l'Imperatur. (jitlak fuk ponot subajh)

Melch: (B'Solennita cbira) ibni il vigarju ta Cristu sejjer ibirchec fl'isem ta Gesu Nazzarenu. (Ghaun b'sebghah il cbir jghamel salib fuk il gbin ta Beniamino ghal dan is-signal Beniamino jiftah ghajneih u jarfa ftit rasu kisu kam min holma l'actar helua. Contra Xena ta cullhadt) Hares Cornelio chif ibnec ma hux mejjed.

Corn: Ibni il ghaziz ta kalbi ghadu haj!(jicsilhu wicciu bil beus u l'ohrain colla jitchelmu beiniethom.)

Benia: (Jarfa rasu bit-tbatija u jghaid bil hleuua) Missier, santita, utthom ghaun ma gembi? X'inhua li ghadda minn ghalija?

Corn: Ibni kalbi. (jixiuttalhu wicciu mid-demm) ghaidli xi gralec?!

Benia: Missier jena donni cont mejjed, id-dinja chienet ghaubet ghal collox minn kuddiemi. Dan li ghadda minn ghalija hua holma l'actar sabieha.(Imis wicciu u iciappas idhu bid-demm) Issa kied nifem dac collu li ghadda minn ghalija.

Corn: Ghaidli ibni, tiftacar min ghamillec dina il hsara?

Benia: Jena missier li dejjem nismghec tghaid u tfahhar lil imperatur Costantino u titlob

l'Alla biex jibghatinna ghaun f'Ruma hecchif hrigt ferhan mil Catacombi bin notizia li inti gibt lil Papa, tlait fuk is-sur ta ma gembna u ghajjat: "Viva l'Imperatur Costantino" fil uakt wiehed mis-suldati li chien hemm jippassigia tghani dakka ta xiabla fuk rasi, intlakt fl'art ghal mejjed, u fil hin sibt ruhi bhal geuua gnien sabieh illi cull fjur tighu chien ilekk bhad-diamanti, innies chellom wicciom dahkani u jirrisplendi bhar-raggi tax-xemx, fuieha izjed minn tal balzmu il cant chien donnu tal angli.

Melch: Ibni Beniamino, inti hlomt il holma tal genna.

Benia: Iva tal Genna. (imis rasu u jintelak fi hdan missieru.)

Melch: Beniamino, ir-ruh tighec donna gejja missmewwied ghaliex gismec ifuh bhal balzmu. (imislu il polz)

Benia: O x'rau daun ghajneija!

Melch: U hemm Alla iridec ma dauc li xerdu demmom ghal Cnisja ta Cristu. Ghaidli Beniamino, issa li inti rait dac il gmiel x'tixtieh tibka f'din id-dinja tgaudi il gid tahha jeu tittajjar ghal geuua il genna?

Benia: Irrid incun l'ewwel martri tal liberta ta Ruma, immur nitlob ghal missieri u ghattrionf tal Cnisja tighec Santita. (jintelak quasi ghal mejjed fi hdan Cornelio.)

Melch: Ibni Gesu laka ittalb tighec u l'angli digia jistenneuc taht l'arc trionfali tarrengnu tas-sema.(idur fuk Cornelio) Cornelio, mhux biex tghali, izda biex tifrah, ibnec fadallu ftit mumenti ohra biex jittajjar ghal gloria tal Genna!

Corn: (Ma jiflahx jitchellem bil bichi, ma bichi ta ferh anche l'ohrain jixxiuttau xi demgha) Beniamino tighi, hadt mil presenti ma jista ifisser x'tista issofri kalb ta missier bhal issa.

**Benia:** Id-dinja chera wisk missier u jena fiha nokod izjed ma irridc.

**Corn:** Ibni, chemm narac sabieh, (ibusu) Iva, ibni inti ma intix mghamul biex tokod f'dina l'art, ghajnenc digia jidru li kedin jisperau issema, id-dahqa ta fommoc digia heda ~~titlob~~ ma dic tal'angli. Ima issa persuas illi inti sejjer thallini u jena hsiltec wiccec bid-dmugh, ma il bichi tighi hua bichi tal'actar ferh li kalb ta bniedem katt giarbet (ibusu)

tithallat

**Benia:** Missier ta kalbi, tibchiex izjed.

**Corn:** Le arani ma nibchiex, anzi irrid nifrah mieghec u meta tcun kied il fuq mil istilel fuk dac is-sema ichal itlob ghalija.

**Benia:** Iva missier ta kalbi, immur inlesti post ghalic ucoll, imma kabel hallini natic beusa (ibus lil Cornelio)

**Corn:** (Ibus ucoll lil Benjamino) Xtakt li fdan il mument hecc sublimi ghaun il mahbuba ommoc halli tghara chif imutu l'angli tal'-art, ma hia tinsab bil wisk marida.

**Benia:** (Chemm chemm jiflah jitchellem) jena immur nitlob ghall'ommi ucoll u nixhtieq il fjuri mis-sema.missier........ Fejn int ? Ma inix narac izjed.

**Corn:** Ghaun ibni missierec ma gembec dejjem (ibusu)

**Benia:** (B'lehen mejjed jaqbad uicc missieru) Missier, Santita, huti ilcoll,.. Addio...... Nistenniecom kalb il fjuri ta Gesu Nazzarenu .... Nistennicom fil gloria tal genna, fein ix-xemx ma tintefa katt, fein il fjuri ma jidbilux, fein il ferh ma jonhoxs.

**Corn:** Ibni, iddemm tighec iservi ta Cappara lil poplu ruman li taht it-tirannija ta Massenzio kied jagonizza. Meta inti tcun fis-sema itlob ucoll ghat-trionf ta Costantino.

**Melch:** Iva ibni, u itlob bil kalb sabiex is-salib ta Cristu jimpera fid-dinja colla.

**Corn:** Addio Beniamino (ibusu)

Benia: (chemm chemm jiflah) fil genna! (jispira helu helu ir-rahda tal beati).

Corn: Addio fil genna! (L'insara ipoggiu lil Beniamino fuk bradella jattuh bil fjuri illi icun hemm fuk l'artal umbghad.

jinzlu gharkubbtejhom u ibusuh kollha.)

Melch.- Sew Sew 12 il sena ilu min dan il-loq stess it-tajret ir-ruh angelika ta lewwel martri tal Ewkaristijja, ic-ckejken Tarcizjo. Ifrah mela o missier iffortunat, ghax lil ibnek misset l'istess xorti. Issa fost il kant niehdu lil Benjamino ghas-sepoltura! (Erba Insara jaqbdu Lil Benjamino mill erba ponot tal-lizar, jiffurmaw bhal processjoni u idawruh dawra mal palk kollu Cant Korali. Preghiera del Mose di G, Rossini "Dal tuo stellato soglio.)

Musica N 3 →

## Scena Ultima.

Olimpio, erba suldati pretorjani u ta qabel.

Olimp (Hekk kif jispicca il kant jithol bhala iljun feroci b'erba suldati tighaw bit-torci mixghawla u imur fuq il Papa Melchiade) Suldati il post tghacom huwa f'dak il bieb, hadd ma johrog hajj min dawn il Katakombi il barra qabel ma nircivu ordnijiet gjodda.

Corn. Min ghandu setgha jati ordnijiet bhal dawn?! (Johrog u warajh jigu Melchiade, Noto u L'Insara minghajr Benjamino.)

Olimp Jiena il kap tal pretorju.

Corn. Fl'isem ta min?

Olimp. Fl'isem ta l'Imperatur Massenzio.

Corn. Tribun Olimpio, irrispetta l'awtorita.

Olimp. Ma ngharfekx.

Corn. Is-senatur Cornelio Venicio.

Olimp Taht libsa ta suldat?

Corn. Naf id-dmirijiet tighaj.

Olimp. Id-dmirijiet tighak hawn fil katakombi, qalb is-sahta tas-Sommo Pontefice, kap ta L'Insara.

Corn Ninsab ghawn ghal missjoni segreta li ghandi mal Papa.

Olimp. Tajjeb senatur Cornelio, inti wahdek tista tohrog min dan il bieb il barra.

Corn. Santita, hu hsieb il gisem ta ibni. Nergaw nintaqghaw.

Olimp. Fil habs ta Mamertino!

Corn. (Wahdu) Dan ma ikun qatt. Dalwaqt jasal il hlas taghkom. ta dak li ghamiltu ma ibni.

Melch. (Imur ifittex fuq l'artal u ma isibx l'ittra) Issa qieghed nifhem kollox. L'ittra ta Costantino giet misruqa. Fejn huwa Mifistofos?

Olimp, Sommo Pontefice, bhal dan il hin Mifistofos jinsab bhas-soltu fil Pretorju, f'sakra ma jarax art, u qalli li ghandu missjoni kbira x'jaqdi lill Imperatur, li sejra tipprokuralu kemxa flus kbira.

Melch. Huwa verament l'aktar bniedem iddisgrazzjat. Saqah taht rigglejh l'ilma tal maghmudijja.

Olimp. Dik l'ittra li inti qieghed tfittex, min ghawn u ftit iehor tkun ghand l'Imperatur, ghaldaqstant nikkonsiljak li toqtol lil dawn l'Insara kolla u fl'ahhar toqtol ruhek b'idejk, qabel ma taqa taht idejn Massenzio.

Melch. Il hajja ta lilna Alla u huwwa biss il padrun li jista johodilna.

Olimp. Tighajx ghax nurik malajr min hu il padrun tal hajja tieghek. (Ikun sejjer jarfa idejh)

Corn. Tribun, ikun gwaj ghalik jekk inti iccappas idejk bid-demm ta dan il bniedem, ghax is-sahta taqa fuq il generazjoni kollha tieghak.

Olimp. Suldati, orbtuh! (Is suldati jimmanettjaw lil Papa)

Melch. Kuragg uliedi, ghadna kif ircevejna li speci sacramentali u meta ghandna l'Alla maghna, min hu kontra taghna?!

~~Corn. Santita, sejjer ghal ftit, nerga narak malajr.~~

~~Olimp. Forsi ikun tard wisq! Suldati, hadd ma jitharrek min ghawn! Nistennew is-sentenza ta Massenzio.~~

~~(Is-suldati johorgu ix-xuabel u idawru fnofshom lil Melchiade Cornelio johrog ix-xabla u ibatti f'lart lis-suldati.)~~

Jispiccja l'ewwel Att

<u>Atto II.</u>

Dawl Hamrani   Fit-triklinju tal palazz Aureo tal Imperatur Massenzio.   Sala Rumana Imperjali imzejna ghal festa il kolonni imdawrin bil girlandi tal fjuri. Fil gemb tas_sala hemm il bust ta Giove bl'incens imqabbad quddiemu u anche xi fjuri quddiem l'idolu. Il font tax-xena tirrappresenta xint bil fjuri u minnu tidher l'abitazjioni ta Ruma.  Mejda fnofs is-sala, fuqa hemm il qwalitajiet kollha tax-xorb, ta helu, flixken tal-hgieg, taxzi tad deheb u tal fidda u qwantita ta fjuri anche fuq il mejda (mal inzul tax-xemx) Mil gallarijja dihla il hmura tat-tramont tax-xemx li jimla is-sala bil brijju)

<u>Scena I.</u>

Massenzio libes porpora hamra tad-deheb, u bil kuruna tar-rant-f'rasu, mixhud fuq sufan, Clotilde ma gembu u bil girlanda tar-ward f'rasa u bic-citra fidejja, Caio u Ario fil gemb liehor u Cornelio liebes nobilment u qieghed ghalieh wahdu fil proxenju.  Daqs sitta ohra nobbli patrizzi imxerdin max-xena bil kuruni tar-ram f'rashom.  Fil fond tax-xena hemm erba suldati pretorjani libsin gala. Mat tluh tas-separju Clotilde iddoq Romanza fuq ic-citra, u malli tispicca mid-daqq il presenti kollha barra miss suldati ihabtu idghejhom u ikantaw brindisi.

Cl-ot   Viva l'augusto Imperatur Massenzio! (wiehed wara liehor kollha imorru ihabtu it-tazza, lewwel ma ta Massenzio imbghad ma ta Clotilde u jixorbu fost l'akbar brijju)

Caio   Brava l'Imperatrici Clotilde? Sabieh dak wiccek bhal ward tal Orjent, ghajnejk iqattru id-djamanti, xaharek zbul id-deheb, qalbek gnien

tal plejju u idejk newl ta lisbah bizzilla, Imperatrici Clotilde, denja mara tal Augusto u divin Imperatur ta Ruma! Viva id-dinjita ta Massenzjo.

Kollha — Viva is-sid tad-dinja

Caio — Divin Imperatur, ma gembek u ma gemb l'Imperatrici martek ma tixjih qatt. Iva il lum Clotilde ghamlet tassew unur, ghaliex imlit il palazz Aureo bl'akbar allegria. (Jihu mazz fjuri u imur joffrih lil Clotilde)

Clot — Grazzi o nobli princep Caio? (S'issa l'Imperatur ghadu sieket u qalbu sewda.)

Caio — (Bil mod lil Clotilde) Augusta Imperatrici fittex illi izzomm lil Imperatur allegru.

Mass — L'Imperatrici marti qieghda tfittex kul mezz biex izzomni allegru ghaliex hijja ma taf bil morsa li ghandi tafasli qalbi dawn il granet.

Clot. — U smajt anche it-tewdin tighak ta dan il-lejl, Massenzio, ma ghamiltc hlif titkellem fuq tixrid ta demm tradimenti, gwerrer u tajjad: "Mewt lil Costantino! Mewt lil kap tal l'Insara! AH! Ah! Ah! Ah! Tassew galtni nithaq dal-lejl Massenzio! (L'ohrajn kollha jidhqu biex izommu lill Imperatur allegru)

Mass — Clotilde trid tkun qalb ta mara bhalek biex tithaq f'dawn iz-zminijiet hekk tradici ghal l'Imperu Ruman.

Clot — Illum hijja festa. Il pretorju tak il porpora ghal l'akbar pont illi inti kellek il hila tibni biex bih twaqqaw ix-xmara Tevere lil Costantino bl'eserciti tighow kollha, u ghalekk id-dahq ghandu ikun fuq wiccek ukoll. Ah! Ah! Ah! Ah! (Tidhaq dejjem) Il-lum id-dinja kollha qeghda tiffesteggjak u issejjahlek: "Il kbir Augusto ta Ruma" Ah! Ah! Ah! Ah!

Mass. — Xtaqt kont nista nidhaq bhalhom, imma........

Clot — Ma hemx imma li ghanda thassar il ferh ta dan il

mument, ghaltrimenti dik il porpora ma ghandiex skop illi izzejjen il persuna tighak.

Mass. Dina il porpora qieghed nara fuq spallejja bhal faldrappa ta xi funeral!

Clot. (Tiehu fjur mil bukket li tgha Caio, u tibda tfarrak il weraq tal fjur fuq ras Massenzio)
Giove u Saturno irebhuk il gwerra u hekk inti tkun padrun tal Gallia u tal Gran Brettanja. Kemm inhossni ghenja ma gembek, Massenzio tighaj!

Mass U jekk qatt Costantino jiehu Ruma, Clotilde?

Caio O Sire, x'inti tghajd? Qatt dan ma ghandu jghaddilek min mohhok, min rebah id-dinja kollha mhux sejjer jitlef l'ahhar dada ta hajtu.

Mass Inti cert min dak li qieghed tghajd, o princep Caio?

Caio Certissimu, imbghad meta ghawn ghanna il qawwa tal-allat ma gembna? Ario inti xi tghajdlu lil Imperatur, bhala Sommu tas-sacerdoti tal idoli?

Ario O Sire, kbir Imperatur u Augusto ta Ruma, jiena bhala ministru tal-Allat, ikkonsiljajt ruhi mal kotba tas-sibilli dal-lejl, u qalb lisplenduri deherli Giove u tghani resultat illi jghati ferm pjacir lil maesta tighak!

Mass Ghejdli Ario, ghaliex inti biss ghandek il qawwa li titkellem ma lallat tghana?

Ario Ekku Sire,. L'ewwelnett sabiex inti tirbah dina il gwerra hemm bzon illi inti tferrah ftit l'allat u tpghaxxihom billi toffrilhom l'izbah tfal u wara li tahraq id-demm taghhom, itfghaw incens quddiemhom u itlob sakemm tghaqa fl'isturdament u jekk qatt umbghat tohlom xi haga, ibghad malajr ghalijja halli inkun pront infissirilek.

Mass. Dan kollhu jiena ghamiltu.

Ario Il kotba tas-sibilli jghajdu ukoll illi meta l'allat tis-sacrifikghalhom l'izbah xebbiet, wara aktarx illi tmut xi ras kbira miserament.

Mass. U din ir-ras min tista tkun?

Clot Ma tistax tkun hlief Costantino li jghaddi min fuq il pont u jibqa nizel fix-xmara Tevere.

Kollha Brava l'Imperatrici! (Ihabtu idejhom)

Ario Iva Augusta Imperatrici, inti ghamilt vera profezija Costantino, bin l'Imperatrici Elena jibqa niezel dritt fix-xmara, u inti tirbah il gwerra, Sire. (Jithqu)

Mass. L'Allat jisimghaw minnek Ario, iva jiena bnejt dak il pont bhala trabokk illi jekk Costantino jipprova jidhol gewwa Ruma, issib ruhu gewwa ix-Xmara bla hniena.

Caio Mela qalb il ferh tad-destin sejjer naqralkhom il programm tal-loghob, ghaliex hemm bzonn illi il programm tal festi jitkompla sa lahhar. (Jaqra fuq pergamena) Fil ghaxija fl'Anfiteatru nibdew lewwel bill ludi Apollinari, imbghad ludi Augustalis, ludi Capitolani, ludi Floralis, ludi Magni u nispiccjaw bil ludi Marinaris.

Clat. Propriu dak li nhobb jiena. Illumunazjoni ta fuq il bahar. Imma jonqos ukoll il-loghob tal-gladjaturi ma l'Insara.

Mass. Iva, li kien mumeny iehor, kont nibghat ghal-Isqof ta Ruma, jew kif isejhulu huma "Il Papa" mad-dixxipoli tighaw kollha u hemm il qigha ta l'Anfiteatru qalb l'iljuni u it-tigri konna naghddu siegha divertment. Xtaqt kieku nikkontentakhom, izda ghadu ma huiex il mument propizju ta dawn id-divertimenti. Intkomm stess taghraww illi ghal din il festa, kien imissu hawn in-nobilta kollha ta Ruma, mentri jiena illimitajt ruhi nistiden likom biss, l'aktar hbieb intimi, biex maghkom inkun nista nitkellem ftit fuq dina il gwerra.

Caio. X'ahbarijiet ghandek Sire?

Mass Kif?! Inti bhala segretarju tighaj imissek taf kollox.

Caio Jiena naf illi l'Imperatur Costantino qassam tiga Rivoli. Xejn aktar min dan.

Mass Jidrilkhom forsi illi dan huwa ftit? Mela ghaliex tahsbu li qalbi dejqa u il festi inhossom idejquni? L'ahhar ittra li kitibli il General Galerjano min fuq il kamp tal Battalja qalli li is-suldati tighu qeghdin jaqghaw bl'eluf taht riglejn il ghadu. (Kontro xena ta Cornelio)

Caio Imma Inti, Sire, ma semmetc kemm suldati tilef Costantino fuq l'Alpi ta Torino?!

Ario Sire, taqtax qalbek,ahna kif diga ghetlek ghandna l'Allat mghana u bizzejjed daqs elf bniet u subien sakrifikhom lill"idoli, sabiex l'allat jissodisfaw ix-xewqit tighak kollha. Hares ò Kbir Imperatur inti taf illi l'Allat taghwni is-seta illi intir bhal ghasafar u ghalekk iena ma tul il lejl nista immur nittajjar fuq il kamp tal battalja fejn jinsabu is-suladti tighek, u hemekk jiena nibda nghamel prodigju cbar u ghalekk il vittorja tkun tghana!

Mass Dan takhom huwa kollu kliem ta tmellis, izda jiena ghandi aktar mill kliem ghandi bzon ta l'armi u tas-suldati. Costantino, il qattiel ta missieri u protettur ta l'Insara, huwa bniedem ta hila kbira u ghamel hafna vittorji, u mux ta min jorqghod quddiemu. Inthom tafu illi jekk jirbah Costantino tkun ukoll il vittorja ta l'Insara u is-sommo Pontefice isir il padrun assolut ta Ruma.

Caio Ah! Errur!

Clat Errur! Errur!

Ario Din hijja daghwa! L'allat jiqirdu lil Insara Kollha! l'allat jifgawghom f'demmhom! Jishtuhom!

Kull Mewt lill'Insara!

Caio Mewt ukoll lil kap taghom!

Kull Mewt anche lil Costantino.

Ario Sahta fuq in-Nazzareni kollha!

Kull U is-sahta tkun!

Mass O nobli patrizi, osservajtu xejn illi is-senatur

x Corneljo baqa sieket bhal mutu?

Kull Cornelio?!.... Jitkellem Cornelio ((Ihabtu idejhom))

Mass Cornelio, inti xi tghid bhala senatur u duce tal poplu, inkantawh l'innu tal Vittorja fuq Costantino?

Corn. Sire, dak li ghandu issir huwa diga miktub fil ktieb ta l'eternita.

Mass Fil ktieb ta l'eternita? Ma il poplu Ruman xi jghajd?

Corn. Sire tapprezza is-sincerita tighaj?

Mass. Tkellem liberament!

Corn Augusto Imperatur, mhux kulhadd jahsibha xorta! Hemm min huwa imgennen ghal Maesta tighek, u hemm ukoll min jissimpatizza ruhu ma l'Imperatur Costantino.

Mass Min huma dawn id-demonji?!.... U inti bhala Duce thalli lill dawn in-nies jghajxu gewwa Ruma?

Corn. Allura fejn hijja il liberta tal poplu?

Mass Cornelio, inti titkellem fuq il liberta tal poplu? Il poplu ma huiex hlief dawn il fjuri fidejn l'Imperatur! ((Jehu ftit fjuri u jaffighom bejn subghajh)) Hares il gmiel ta dawn il fjuri, din hijja il liberta tal poplu Ruman! ((Isabbat il fjuri ma L'art.))

Corn. Proprju kif qieghed tghajd int Sire!

Mass. Gwaj ikun ghal dak il bniedem illi imur kontra ix-xewqat ta l'Imperatur tighaw!

Corn. ((Johrog ittra timidament min hobbu)) Ekku, Sire!....

Mass Xi tkun din?.....

Corn. Hekku Sire! Hwejjeg li jinteressaw lil maesta tighak Din hijja lista li harget mil pretorju!

Mass. Aqra!

Corn. Statistika li harget ~~M~~ dwar il martri Insara taht il persekuzjoni ta Massenzio.

Mass. Ibdel Cornelio, dik il persekuzjoni u qighad taht il gustizzja ta Massenzio, altrimenti anche il pretorju jilghab dada hazina mighaj ((Idur fuq Clot)) Inti man-Nobli patrizi ippermettulna nitkelmu wehedna. ((Barra min Cornelio, Ario, Kollha jidhlu gewwa.))

Mass. Cornelio, aqra!

Corn Insara martirizzati fi zmien L'Imperatur Massenzio 12 il elf ghal qtieh ir-ras, irgil u nisa, 15 il elf mahruqin, irgil u nisa, u imcartin ghas-sakrificci ta l'allat 16 il elf bniet u subien.

Mass. (Bl'akbar trankwillita) Jiena ma ghamiltc hlief id-dover tighaj! Ah! Ah! Ah!

Corn Pero Sire, jiddispjacini nghajdlek illi illum il qraba ta dawn il martri huma kollha kontra tighak u favur Costantino!

Mass (Bir-rabja jitlghalu id-demm ghar-rasu) Cornelio inti gejt biex tivvalena dina il festa u thassarli demmi!

Corn. Sire, Jiena ma ghadc hlief il verita.

Mass Mghandek qatt tghajd il verita jekk tara li ma hix qeda tghogob lil Imperatur tighek.

## Scena II.

Galeriano, Mass, Cornelio, Ario, Caio, Olimpio u sul."

Olimp (Jidhol u isellem) O kbir Augusto, il generalissimu tal gwerra, Galeriano!

Mass Ghajdlu jghaddi malajr! (Olimpio johrog)

Galer. (Jidhol liebes ta General) L'allat mighek, Augusto ta Ruma. (Is-suldati iselmu lil Galeriano)

Mass Mieghek ukoll Generalissimu Galeriano! X'ahbarijiet (Olimpio jidlaq)

Galer L'ewwelnett Sire, hallini nifrahlek bl'unuri tal porpora li ghogbu itik il pretorju. (Ibuslu idu)

Mass Grazzi kont qieghed fuq ix-xewk biex nisma lahbarijiet tighek.

Galer. Sire, ma tantc sejjer inferhek kif nixtieq, Kif diga ghettlek, hemm xi potenza misterjusa li qghed tahdem bil mohbi favur Costantino.

Mass. GHaliex, spjegali xi haga fuq dan il misteru!
Galer. Sire, nibda biex nghejdlek illi Costantino fuq l'istandard tighaw pogga is-salib ta l'Insara u quddiem dawn l'istandardi qeghdin jaqghaw l'armi min idejn is-suldati tghana! Ohrajn jaqaw mejta misterjozament, u dawk li huma Insara kollha qeghdin jinghaqdu mas-suldati ta Costantino!

Mass. Is-sahta tad-demonji taqa fuqhom. Telf fuq telf?

Gal. Iva Sire, u Costantino dejjem jeqrob ghal vittorja
Ario Bil fors li hemm il qawwa tad-demonji tahdem fin-nofs, ghaliex Costantino huwa protetur ta l'insara.
Mass. Ma inti Galeriano x'inti t'ghamel?
Gal. O Sire, Kieku kont hemm f'lahhar battalja ta Rivoli, kienet tassew tragika. Id-demm gera bhal xmara mil icsma tas-suldati taghna, izzwiemel stess ghad dera tas-salib, bdew jregaw lura sferrati u jixhtu taht riglejhom listess suldati taghna. It telf taghna kien li jwahhax?

Mass (Bir-Rabja) O liema rabbja! Cornelio qieghed tisma? Hemm bzon illi nirrimeddjaw! Immorru ahna stess niggwidaw liss suldati u inzidu nies izied taht l'armi, anche xebbiet jekk ikun hemm bzon!
Corn. Sire dak li tikkmanda isir!

Mass. Inti, li tant mahbub mal poplu imissek tara xtamel.

Scena III

Mefistofos, Olimpio u ta qabel kollha.

Olim. (Jidhol u dejjem isellem bhal qabel) Augusto Imperatur hemm wiehed irid ikelmek; qal li ghandu affarijiet ta kbira importanza xi ghajdlek
Mass. Ghajdlu jghaddi, f'dan il mument kulhadd jista jiswieli.

Olim. (Imur u igib mighow lil Mefistofos)
Mefis (Jidhol u jghamel hafna inkini sa l'art lil'Imperatur)
Corn. (Wahdu) Mefistofos fil palazz aureo ta L'Imperatur dan il fatt jinteressani u ghandhu mil misteri!! (iwarrab)
Mefis (Minghajr ma jinduna b'Cornelio) Salve o Divin Cesare, protesttur tal poplu elett u padrun tal globu universali.
Mass Hallik min dawn il komplementi kollha! Fi ftit kliem ghajdli xinhuwa li giebek ghand l'Imperatur?
Mefis Jiena huwa wiehed mil akbar ammiraturi tieghak o divin Cesare Augusto!
Mass. Kieku ma getc bdin ir-riha ta inbid fuqek kont nisimak! (Itih daqqa ta siq) Wadbuh il barra (Ario u Caio u is-suldati jaqbdu lil mefistofos u ikunu hergin bieh il barra)

Mefis. (Jajjat kemm jiflah) Sire, l'allat jaghmluk felici u felici tkun jekk inti tindenja ruhek tismaghni! (Is-suldati aktar jinbuttawh lil barra ) Halluni Halluni! Divin Inperatur ghandi xi nighdlek hwejjeg kbar fuq l'insara

Mass. Tajjeb! Kellimni fuq l'insara. (Is-suldati ihallu fil-liberta lill mefistofos.)
Mefis. Ekku divin Inperatur! (Ihares ma dwaru) din ghalik hijja aktar milli kieku giebtlek karetun deheb, din l'ittra sraqta min idejn is_sommo Pontefice il kap ta l'Insara, biex ingiebilek.

Mass. Jekk tassew tinteressani min karettun deheb illi inti ghedtli li sejjer naghtik!
Corn. (Wahdu) L'ittra li gibt jiena min ghand Costantino, jaqqbilli inwarrab. (Jitlaq bax bax)
Mass. (Jiehu l'ittra u jaqra) X'jiena nara?!
Mefis. X'jidirlek o divin Imperatur?"! U is-suldati iridu ikeccuni il barra.
Mass. Costantino complici mal kap ta l'insara, l'Isqof ta Ruma Melchiade! Galeriano, aqra u ara liema

fatalita!

Galer. (Jiehu l'ittra) Costantino jinsab tiga gewwa Brexcia.
Mass Ahna irrovinati! (Jahtaf ittra min idejn Galeriano) Min hawn u ftit iehor insibu l'ghadu taghna wara il bibin ta Ruma! Hemm bzon naraw x'namlu.

Galer. U il pont Melvio Sire?
Mass. Ah! Iva! Il pont'Melvio huwa minsub tajjeb ghal Costantino (Lil Mifistofos) Taf inti kif din l'ittra giet f'idejn Is-Sommo Pontefice?

Mefis. Iva, divin Imperatur, giebilu is-senatur Cornelio gewwa il katakombi stess.

Mass. Tradiment fejn huwa Cornelio?!

Mefis U is-suldati riedu ikeccuni! Ah! kieku ma kontc jiena.
Mass Iskot inti ghax sejjer nifflagellak! (Is-suldati jaqbdu lil Mefistofos u ikaxkruh il barra.)

Mefis (Huma u sejrin bieh) Halsuni! halsuni!.... kieku ma kontc jiena! Halsuni! (Johduh il barra)
Mass. Fejn huwa il traditur Cornelio?!

Galer. Mewt lix-xewwiexa tal poplu!
Caio Mewt lil cospiratur tal Imperu!
Mass. Ah! Iva! u tkun mewt l'aktar kbira, Olimpio!
Olimp (Jippresenta ruhu u issellem) Ghal kmand tighek Sire!
Mass. Ghadu kemm kien hawn Cornelio! Fejn Huwwa ?
Olimp. Ftit ilu rajtu hiereg mill'atrio, Sire!
Mass Hareg?'. Mur bis-suldati u sibuh!
Olimp Ahfirli Sire, ma x'nghamel jekk il poplu idur kontra tighej?
Mass Tribun Olimpio, Int taf xi hagja fuq Cornelio? ir-ridlek teighdli kollox.
Olimp Jiena naf illi nofs il poplu ta Ruma huwwa ma Cornelio, u meta neghd ma Cornelio iffisser ukoll ma

Costantino, ghax huma konfoffa wahda.

Mass U ma tavzanix?! Fitcu aqtaghaw ras Cornelio u gjibuwhieli quddiemi gewwa bacil. Morru gibu ukoll ghawn quddiemi is-sommo Pontefice, il Kap ta l'Insara! Anche jekk ikun hemm bzonn li tissakrifikaw id-demm ta' nofs il poplu ta Ruma!

Olimp. Tkun servut Sire! (Jitlaq)

Mass L'infern qam kollu f'daqqa wahda kontra taghna! Galeriano, Caio, u inti ukoll Ario nitlobkhom li thallghuni mument wahdi, anche il gwardja Imperjali! (Caio, Galeriano, Ario u is-suldati jitilqu")

Scena IV.

Massenzio imbghad Balziban.

Mass. (Ipoggi rasu bejn idejh fuq il mejda bhal bniedem iddisprat, il palk jibda jiskura fuq il blu)

Balz. (Jitfacca min wara Giove liebes fantastiku, imur fuq Massenzio u imissu fuq spaltu)

Mass. (Maqtuh) Min int?!

Balz. Dan ma jinteressekx bosta, nghejdlek illi jiena habib u ammiratur tieghek.

Mass. Qatt ma rajtek! Min fejn inti gej?

Balz. Staqsi lis-sajjetti li jifirqu is-shab u lil Vulkani illi irghedu lid-dinja!

Mass Xi trid min ghandi?

Balz. Oh kbir Augusto ta Ruma, ghandi nejdlek illi jiena naf b'kollox. Naf bit-tradiment ta Cornelio, jiena huwwa l'akbar ghadu ta Costantino u wisq izjed ta l'Isqof ta Ruma.

Mass Inti ghadu taghhom?

Balz Nixtieq li neqridhom!

Mass U inti trid?

Balz Irrid nissieheb mieghek fl'imprisa da din il gwerra

Mass X'inhuwa il mezzi tieghak?

Balz. Il mezzi tighaj huma basta, ma l'aktar armi qawwijja huma il ~~armi~~ ghawr u il flus.

Mass Togghobni..

Balz. O kbir Augusto, anche jiena darba kont kbir u issa waqajt irsir, thallix li jigri listess haga minnek, ghaliex jekk kemm il darba Costantino jittrijonfa huwwa jamlek irsir tighaw u isir padrun ta Ruma u jati setgha l'aktar kbira lil kap ta l'Insara.

Mass Iva jiena naf illi Costantino huwwa protettur ta l'Insara.

Balz. Allura x'inti tistenna li ma toqtolx lil Papa dak huwwa l'akbar ghadu tieghek aktar min Costantino"

Mass Inti qieghed titkellem tajjeb.

Balz. Sa kemm ma jinqerridc il pappismu, Ruma ma tista qatt tihu ir-ruh.

Mass Qieghed titkellem divinament.

Balz. Forsi mil gurnata li twaqfett is-setta ta l'Insara mhux din dejjem kienet il kawza li l'Imperu gie imhabbat.

Mass Verissimu, l'insara u il kap taghhom kienu dejjem ghedewwa ta Cesare u il pjaga tas-socjeta.

Balz. Forsi fi zmien Neruni ma kienx Pawlu ta ~~l'Insara~~ u Pietru segwaci tan-Nazzarenu li riedu ikunu l'allat tal poplu.

Mass Il-Kliem tieghek qisu hiereg min fomm l'Allat Ghajdli inti xandi nghamel?

Balz. Hemm bzon li teqred il Papa tarba ghal dejjem qabel ma ikun tard.

Mass Ghadni kemm baghat biex igibughuli quddiemi halli nghamel haqq minnu!

Balz Bravu, o kbir Augusto! Mela issa ibda biex teqred il brimba u tara kif meta inti toqtol lil Papa jispiccjaw anche is-segwaci tan-Nazzarenu kollha u gewwa id-dinja ma jivdalx Knijsa, ma jivdalx salib u lanqas artal. Ah'. Ah! Ah! Ah!

Mass Venere ma titkellimx tajjeb daqsek habib!

Balz. Ekku, qieghed nisma il passi fil boghed! Ghandhom ikunu gejjin bis-Sommo Pontefice. Jiena ikolli inhallik, pero qabel ~~qabel~~ ma nitlaq xtaqt nissugerilek haga, illi ma toqtolx lil Papa bit-tixrid tad-demm, ghaliex id-demm tal martri huwwa bhal zerrieha illi tnibbet Insara ohra.

Mass Mela kif ghanda tkun il mewt tieghu?
Balz. Mewt l'aktar harxa! Tghalqu gewwa habs u thallih imut bil gjuh u bil ghadc.
Mass Naccetta is-suggerimenti tieghek.
Balz. X'Jiena nara!.... Costantino rebah battalja ohra. Niezel aktar dejjem lejn Ruma! (Donnu qieghed jara) Is-slaleb ta l'Istandardi tieghu qeghdin jaghmuni il granet u anche is-sighat huma meghdudin ghalik! Fittex ghamel dak li ghandek taghmel Massenzio!

Mass. Massenzio!? Ma inti min int, ghejdli fl'isem ta l'allat Venere u Saturno.
Balz. (jghati daqqa bil pala ta idu fuq il hajt u tghamel bhal sajjetta li timla il palk kollu dawl isaffar tisfira tremenda u johrog)

Mass Venere Salvani! (Imur ihares min fejn hareg Balz. u mal hajt isib stampata forma ta id sewda) Issa qieghed nifhem, kien l-ispirtu ta Balzebun! Allat nirringrazzjakhom ta dawn issugerimentu! l'istampa ta din l'id tibqa fil palazz tiaghaj bhala rikordju ta dan l'ispirtu tas-sibilli (imur ihares) Gej Olimpio! Halli naraw x'kellu il hila jaghmel minn Cornelio u is-sommo Pontefice.....

## Scena V.

Massenzio, Clotilde, Ario, Caio, Galeriano, Melchiade, Olimpio u is-suldati.

Olimp. (Jidhol quddiem) Sire, bit-tahbit kollu taghna ghad ma irnexxilnix naqbdu lil Cornelio!

Mass. Viljakki!!!

Olimp. Lę, Sire, ahfirli, ghamilna li stajna. Thalna gewwa d-dar tieghu qallibna kill ma hemm u qabel ma tlaqna tajna in-nar kullumkien u ktilna lil-mara tieghu.

Mass. Kienet Nisranijja?

Olimp. Iva Sire, ghax kella is-Salib tan-Nazzarenu imdendel f'ghonqa?

Mass. Bravu! Ghamiltu sewwa! Ma hemm bzon li jitkompli it-tiftix ta Cornelio.

Olimp. Erba skwadrilji tal milizja hemm inkarigati biex igibughulek quddimek Sire, Hajj jew mejjet.

Mass. Tajjeb, ihallas huwwa ta kulhadd! Ma Olimpio dak li jinteressani hafna l-aktar bhal issa huwwa il kap ta l'Insara Melchiade.

Olimp Sire, malli urejt ix-xewka tighek, il kap ta l'Insara kien diga fil palazz tieghek, mas-suldati, nistenna biss il kmand tieghek!

Mass. Il kap tal-knisja fil palazz tighej? Gibghuwhuli hawn quddiemi!

Olimp (Johrog u jarga jidhol ma gherba suldati qieghdin izommu lil Melchiade immanetjat. Min bejn il qwinti, wiehed f'kull qwinta jitfaccaw l'irjus kurjusi ta Ario, Caio, Galeriano u Clatilde.)

Mass. (Ikun poggut ma virga tad-deheb f'idu ghamla ta bastun u imur quddiem Melchiade bil gravita) Igifiri inti tghejd li inti Kristu hajj ta l'art, hux veru? Is-Sommo Pontefice?

Melch. (Bl'akbar hlewwa) Inti stess qieghed tghejdu.

Mass. U Jiena min tghejd li jien?

Melch. Kulhadd jaf illi inti l'Imperatur ta Ruma, Sire!

Mass U inti qieghed taghmilli dina il gwerra biex tohodli posti hux veru? Kun ghaf illi jiena is-Sommo Pontefice ta Ruma.

Melch. Jiena gwerra? Il-maesta tieghek tinsab ingannata bil bosta.

Mass. Mela ghaliex is-segwaci tieghek huma kollha kontra tighej u joboduni?

Melch. Min huwwa veru nisrani ma joghbod lil hadd , il mibghudin huma il hrif u dawk li jobghodu huma l'lupi.

Mass. L'Insara ma jobghodu lil hadd? Mela ghaliex tinhbe ew fil katakombi biex taghmlu il konguri kontra L'Imperatur taghkhom?

Melch. Inti ma intix infurmat tajjeb. Il katakombi skop wiehed ghandhom......

Mass. U Liema hu?....

Melch. Il katakombi huma il post tat-talb u tal karita, huma l'oqbra ta hutna.

Mass Tajjeb inti li fuq din l'art hadt il post ta dak Kristu, illi ghamel hafna mirakoli, ghamilli mir-akolu u nemmen bid-dutrina tieghek.

Melch. Gesu qal illi " Il hwejjeg qaddisa ma ghandomx jintatghaw f'halq il klieb"

Mass. Qis il kliem tieghek! (Itih daqqa ta virga fuq rasu) ghaliex id-dutrina ma tghalmuhiex quddiem kulhadd, u tmorru fil katakombi?

Melch. L'istorja tal martri bil-miljuni u listess persekuzjoni tieghek tatik risposta.

Galer. (Johrog jigri u jaghti daqqa ta harta lil Melch) Halli titghallem kif titkellem ma l'Imperatur tieghek.

Clat. (Tohrog ukoll tigri min bejn il qwinti) Galeriano Massenzio! Dan il bniedem ma jixraqlux dan id-disprezz!

Mass. Iskot f'gieh l'Allat!

Melch. Min bil harta jaghti lil dak li jirrappresenta lil Kristu fuq l'art, bil harta isib min itieh. Dak id-drieh li inti bih sawwat lil Isqof ta Ruma ma jinzilx mieghek fil qabar u ghat isawtek fil gjurnata tal gjudizzju.

Mass. Inti qieghed tidghi!

Ario (Jidhol ukoll) Inti qieghed tipprofana il qawwa

~~il-qawwa~~ tal allat taghna.

Caio. (Johrog min bejn il qwinti) Int jisthoqqlok il mewt!

Melch. Meta in-nisrani jghamel id-dmir tighaw, ghalieh il mewt hijja ta ferh!

Mass. Inti tkun l'ahhar Isqof ta Ruma, ghaliex Papa u Imperatur gewwa Ruma ma jistghawx joqghodu, flimkien u tkun terribli il mewt tighak.

Melch. Sire, jekk inti toqtol lili il Knijsa tibqa hajja, tinxtered mad-dinja kollha u tibqa ~~issahhah~~ issalva il bnied~~em~~ mun sa l'ahhar tas-secoli.

Galer. (Jersaq ma gemb Massenzio) Sire, nibza li il mewt tal kap tal Knisja tista isservi biex aktar tirvella lil-Insara kontra tieghek u jinghaqdu ma Costantino aktar min qabel.

Mass Sewwa qieghed teghdli, ma jiena ghandi ghalieh mewt speciali.... (Dejjem lil Melchiade b'dahqa satanika) Intant smajt li taghmel hafna mirakoli u ma kellekx il hila taghmel wiehed quddiemi! Ah! Ah! Ah!Ah! (Melchiade jibqa siket u ihares harsa ta hlewwa fuq Clotilde)

Clot. X'inhuwa li qieghda nara?! Mill ghajnejn ta dan il bniedem hergin bhal raggi l'aktar risplendenti (tmur tinxtehed gharkubbtejha ma gemb Melchiade) Massenzio zomm il kundanna ta dan il bniedem m'hux hati ghal mewt.

Mass. Clotilde, dbighed minn dak il bniedem, dak huwwa miktub mad-demonjm. S'majt li bis-sahha ta lispirtu infernali irxoxta sahansitra lil-mejtim.

Clat. Min ghajnejh hirgin raggi, bhal dawl qawwi.

Mass. Clatilde mur, il fjuri tal gnien qieghdin jistenn newk.

Clat Massenzio tini kelma li ma tahqarx lil dan

il bniedem u wisq izjed li ma toqtlux!

Mass Clotilde, iggannix inkun ahrax mieghek, idhol fir-reggia tieghek.

Clot. Ah ma niflahx nara lil dak il bniedem isofri! (hijja u hierga taghti harsa helwa lil Melchiade li fija hemm is-sinjal tal-conversjoni, taghtti wicca u titlaq)

Melch. (Jaghmel is-sinjal tas-salib min fejn harget Clotilde) Sire, ridt tara il mirakolu? Hekk huwwa l'Imperatrici martek nizel l'ispirtu t'Alla fuqa u hijja ikkonvertit ghal kristjanezmu.

Mass. X'inti tghid mishut?!

Melch. Iva martek marret tkisser l'idoli kollha tal kamra taghha! Nassigurak jiena.

Mass, Gwajj ikun ghaliha jekk dan qatt taghmel!

Ario Oh! Liema half!

Caio Impustur Nisrani? (Jakkad il ponn)

Galer. Warrab min quddiem il ghajnejn tghana!

Mass. (Imur bil herra fuq Melch) Jekk qatt marti giet ippossesata mis-sharijiet tighak, ma hemx turment li jiena ma naghddicx minnhu!

Melch. Il mewt tal-nar, il hadid mikwi, ix-xwabel, it-taqtieh tat-tigri huwwa haga ta kulljum ghall Insara, imma xejn tahseb li lilna ibezzhu quddiem ir-Renju t'Alla!

Mass (Jaqbad lil Melchiade min spaltu) Ghadni ma ghedtlekx kollox, tridx forsi tichad li inti u Cornelio ma intkhomx komplici ma Costantino biex jigi jiehu Ruma?

Melch. Komplici le, imma jekk qatt ikun ghal gid...

Mass. Ghara tgharafx dina l'ittra?

Melch. Iva dina baghtili Costantino!

Mass. U tghejd li mintix komplici?!

Galer. - Sire, qatt ma rajtek daqs illum tiehu pacenzja
bhal ma qieghed tiehu ma dan il bniedem.

Caio. Iz-zejjed qieghed jaghmel.
Ario Ma nafx kif l'Allat jissoportuh!
Mass (LilMelchiade) Din hijja l-ahhar kelma li jiena
sejjer nghidlek! Inti tirrinunzja u tabbanduna
darba ghal dejjem din is-setta ta Insara u tibqa
biex tixhed min issa stess l'Incens lill allat
tghana jew trid it-temm il hajja tighak qalb
l'akbar turmenti? (Imur ihares mil gallarijja)
Ara wara il bieb tal palazz, hemm cjorma nies
qeghda tistenna ix-xorti tighak.

Melch. Is-sema u l'art jintemmu, ma kelma min ta Kristu
ma tintemx.
Mass. Jiena diga hrigt digrit li jinghlqu il knejjes
kollha ta l'Insara li kont ftahtilkhom, u hlieft
illi id-dixxipolu tan-Nazzarenu ma jibqax fuq
wicc ta dina l'art u l'Isem ta Gesu jintesa ghal
kollox.

Melch. Dak li jintghamel mis-sema l'ebda wiehed ma ghandu
seta fuqu!

Caio. ((Johrog ix-xabla u ikun sejjer inizzilha fuq
ras Melchiade jghlli idu lejn is-sema u b'ghageb
ta kulhadd Caio jinstabat mejjet ma l'art)
Ario (Imur jigri fuq Caio) Numi il princep Caio mejjet??

Mass. Mejjet? Jiena ghettilkhom illi dan huwwa miktub
mad-demonju! Din l'ahbar sejra tixghal lil
Ruma bhala huggiega nar!

Galer. Sire, ahfirli, ma x'inti tistenna li ma tifflagelax
lil dan il bniedem qattiel?
Melch. Il princep ma huwiex mejjet, imma Alla ipprivalu
mid-dawl t'ghajnejh! (Caio jitharrek)
Mass. Olimpio (Caio iqum jorok ghajnejh)

Olimp. (Jippresenta ruhu) Sire!

Mass. Igbor kemm issib Insara u flimkien mal kap taghhom ghalaqhom fil habs u hallihom hemm sakemm imutu bil guh, u bil ghadc.

Olimp. Tkun servut!

Vuci (Minbarra) Viva Costantino! Costantino ma jintrebah qatt!" (Hsejjes ta poplu li tidher biss rashom min wara il hajt fjorit)

Galer Isma Sire, din hijja l'ghajta ta l'Insara anche fil kamp tal battalja!

Mass. Tajjeb, issa nurikhom, Galeriano, din id-darba l'Imperatur stess jigi biex jikkumbatti kontra Costantino u wara li inkantaw il'innu tal vittorja nidhlu l'irjus ta l'ghedewwa trionfalment gewwa Ruma imwahhlin fl'istandardi taghna. Olimpio ghamel dak li ghedtlek u malajr!

Olimp. Tkun servut o kbir Augusto ta Ruma! (Jghamel sinjal lis-suldati, is-suldati jghaqbdu lil Melchiade u hekk kif ikunu hergin bieh jinstama ghajjat min barra)

Poplu. (Min barra) Mewt lit-tiranni! Viva Costantino! Il poplu feroci jixxabat min fuq il hajt, issa ghandom f'idejhom it-torci mixghawlin) Nar! Nar! lil palazz Aureo! Mewt lit-tiranni ta Ruma! Viva is-salvatur tghana Costantino! Viva Cornelio! (L'ajjat ikompli jizdied)

Mass. (Feroci) Ghajtu imginen, ma tafux illi il hajja taghkhom tinsab f'iddejja u min hawn u ftit iehor raskhom tkun maqtuha!
(l'ghajjat jikber dejjem, jinzel is-senarju u jispicca it-tieni Att.)

JISPICCA IT-TIENI ATT.

## ATTO III.

FIL haba gio Kastell Melchiade mixhut ghal qija ta l'art, rieqet fuq it-tiben, l'hawn u l'hemm bejn il qwinti xi sitt Insara riqdin ukoll f'lart. Kornelio ma jistax idahhal nghas f'ghajnejh, qieghed biqeda fuq gebla imhasseb, Cassio jippasigga fil font tax-xena u Aronne ma gemgemb Melchiade, kolla marbutin bil ktajjen.

### Scena I.

Melchiade, Cornelio, Aronne, Cassio, Insarà, imbat l'Ispirtu ta Benjamino.

Cassio Halli naraw kemm sendumu nihdu pacenzia b'dawn il mishutin ta Insara. Il giuh u il ghadx ghadu ma qeridhomx, izda ma nghatijhomx hajja sa ghada fil ghodu. Il gwerra ftit taghtina speranza ta Vittorja, ghaliex Massenzio qieghed jitlef kuljum u Costantino joqrob dejjem lejn Ruma, ma sa kemm Costantino jilhaq jiehu Ruma, il kap tal Knisja bis-segwaci tighaw kollha ikunu ilom mitfunin (Jidhaq) Halli jigi Costantino jilliberghom! Ha! Ha! Ha! Ha!! (U b'din iddahqa Satanika jidhol bejn il qwinti. L'Insara ma jghatu ebda sinjal ta hajja).

Corn. (Li sema il kliem ta Cassio) Qlub ta tigri din il krudelta kollha ma l'Insara li ma ghumiex kapaci hlief li jghamlu biss il gid lil kulhadd. U Inti Massenzio sa fejn tasal il krudelta tighak. Ma kinx bizzejjed it-tixrid tad-demm ta ibni Benjamino? Anche lil marti?! Ma jiena sgur li huma qeghdin igawdu fil genna u ghalekk ghandi tassew biex inkun felici! Ghamilt min kollox sabiex nahrab mit-tiranijja ta Massenzio u il qattiela ta ma dwaru biex immur ninghaqad ma Costantino ghal fidwa tal-liberta ta Ruma,

imma kienet il vilta ta wahda mara spijja li waqqatni taht id-dwifer tal pretorjani, u flimkien mac-ckejken ibni Aronne u ma dan il qaddis Melchiade, ninsghabu mghalûqin gewwa dan il habs fl'ahrax agonijja ta l'ghadx ul giuh! (Imur ihares lejn Melchiade) Hares fejn jinsab il kap tal Knisja Universali, il Missier qaddis tal-Insara kollha, ir-re tar-rejjiet kollha li jemnu fil kelma t'Alla, dak li jixraqlu qieghed fuq it-tron tad-deheb u tad-djamanti, fl-izbah palazzi, jinsab rieqed ghal qija tal l'art fuq ftit tiben u agonizzanti bil ghadx u bil gjuh, bhal wiehed qattil gewwa il habs. Min jaf liema sejra tkun ix-xorti tghana?! (Imur ihares min fejn hareg Cassio) Il ghassies donnu mar jorqod huwwa ukoll, kieku nahrab, imqar jirnexili immur fuq il ghajn u ingib ftit ilma, imqar kemm jixrob biss ic-ckejken Aronne u il Vigarju ta Kristu. (Imur biex johrog mix-xellug. U f'daqqa wahda il palk jintela bid-Dijja, Cornelio jinzel gharkubbtejh u jibda ihares)

**L'ispirtu ta Benja** (Jidhol liebes l'abjad bil kuruna u il palma f'idu qalb id-dijja qisu Anglu) Mahbub missier Tighaj!

**Corn.** Ikun qatt veru? Benjamino?! (Iqum u imur biex imissu)

**Benja.** Missier, qabel ma tinhassel bid-demm tal martirju ma intix denn illi tmisstni?!

**Corn.** Bid-demm tal martirju?!

**Bemja.** Iva din il palma u din il kuruna il Mulej bghathom ghalik.

**Corn.** Ah! Kollox qieghed nifem! Inti qieghed dgawdi fil genna!

**Benja.** Iva Missier u waslet ukoll is-sija tieghek!

qieghed nisma diga il passi ~~tal~~ bojja li ghandu jaqtghalek rasek!

Corn. (Jinzel gharkubbtejh) Tintghamel fijja il Volonta t'Alla!

Benj. Alla taqgha ir-rieda tieghek. Hekku missier, waslu! Jiena qieghed narghom f'dan il hin hekk tal biza, itlob lil Gesu jghajnek biex il biza tinbidel f'ferh.

Corn. O Ibni kemm inti sabieh, xi ~~xi~~ fwieha tal genna hierga min gewwa gismek! Iva Jiena ghall imhabba ta Gesu li miet ghalina fuq is-salib, nilqa bil ferh il martirju!

Benja. Nistennik fli schiera tal martri! Kuragg(Jisapari xxi

Corn. (Ibus min fejn hareg Benjamino u jibqa gharkubbtejh) Gesu ta Nazzaret, forsi il kuragg jonqosni!? F'idejk nerhi l'ispirtu tighaj, ghajni int sa l'ahhar minuta!.... (Jghatti wiccu bejn idejh, fil hin jinfetah il bieb tal habs)

## Scena II.

Mefistofos, Cassio, il bojja, Olimpio u zewg suldati pretorjani u ta qabel.

Mefis. (Jidhol l'ewwel wiehed bit-torca f'idu mixghawla warajh Olimpio, zewg suldati u il bojja bill lexjuna fuq spallejh. Mefistofos imur fuq Cornelio. Iz-zewg suldati bla kliem ta xejn jaqbdu lil Cornelio u iqajmuh bil wifqa)

Corn (Meta jilmah lil Mifistofos) Mifistofos?!....

Mifist Sinjur?!.......

Corn. Fimt kollox Mifistofos, inti huwwa Giuda iehor!

Mifist (b'att ta protesta) Sinjur!......

Corn. Bniedem id-dizgrazzjat! (Mifistofos Jinheba)

Corn. (Imur fuq Melchiade li ikun ghadu rieqed, jaqbadlu idu, ibusu, u jghanqu ma qalbu).

Melch (Jistembah maqtuh) Dan xi jfisser Cornelio?

Corn. Missier qaddis tighaj, is-sigha tighaj waslet!
Melch. Spjegali!
Corn. Ibni stess, ftit ilu, qalb li p lenduri gie ihabarhi il martirju!

Melch. Ibnek Benjamino l'ewwel martri tal-liberta ta Ruma!
Olimp. Tghajdux hmerijiet, iva is-senatur Cornelio komplici ma Costantino u xewwiexi tal poplu Ruman, gie mil pretorju ikkundannat ghal qtieh ir-ras.
Corn. (Lill' Olimpio) Qtajtuwha xewqitkhom fl'ahhar!
Melch. (Iqum u imur jithadden ma Cornelio) Nitlobkhom tghatu lili ukoll l'istess xorti ta martirju!

Olimp. Le o Sommo Pontefice, il kundanna tieghak giet maqtuha mill Imperatur stess, u hijja dik li ghandek tmut irqiq, irqiq bil ghadc u bil gjuh mas-segwaci kollha tieghek. (Is-suldati jifirdu lil Melchiade min Cornelio).

Melch. Ibni Cornelio, kuragg, mur hada ibnek u martek ghal palma tal martirju! Il bibien tas-sema ghuma miftuhin ghalik, il Vigarju ta Kristu ikun mighak bli'spirtu tighaw! Ikun ghawn qieghed jitlob ghalik. (Jerga imur fuqu jghanqu u ibusu. Is-suldati jergaw jifirduwhom bil ghefra)

Corn. Missier qaddis berikni!
Melch. Tkun imbierek, ibni! (Ibirku)

Corn. (Jiskappa min idejn is-suldati u imur jinxtehed fuq Aronne li huwwa rieqed fil fond).
Mahbub Aronne tighaj, inti riqed l'irqad ta l'innocenza, ma meta tqum, missierek ma ikunx jista jatik izjed il bews ta l'Imhabba, inti ma ghandek lil hadd izjed fid-dinja! (Ibusu kemm jiflah u ixerred wid ta dmugh, Is-Suldati jaqbdu lill Cornelio u ikunu hergin bieh) Missier

qaddis tighaj, navdalek f'idejk l'uniku iben tighaj Aronne!

Melch. (Ukoll imbikki) Halli f'idejja! Ahseb issa fil kawza tighak qaddisa!

Corn. Addio!

Melch. Addio! (Is-suldati johorgu b'Cornelio, u warajghom il bejja, Olimpio, u fl'ahhar nett Mefistofos bit-torcia u Cassio)

Scena III.

Melchiade, Aronne U Insara.

Melch. (Baqa gharkubbtejh u baqa jakkompanja bil harsa tighaw lil Cornelio sa kemm hargu bieh) Mulej, ghatieh il forza lil Cornelio sabiex ikun jiflah ghal dan lahrax martirju. Ma kont qatt nobsor illi l'opra diabolika ta Mifistofos sejra iggib din il hsara kollha! Alla jikkonvertih u jghatih hajja twila...... (Jqum) Ma dan il gjuh u dan il ghadx huwwa terribli wisq aktar mil martirju tad-demm! Hames tijiem minghajr farka hobs u minghajr qatra ilma! Almenu li kont nista nisqighom id-dmugh ta ghajnejja! (Jhares bejn il qwinti) Ma anqas demgha biex nibki ma baqghali! Kemm hijja haga terribli li tmut bil guh u bil ghadc! (Dejjem bejn il qwinti) L'irqat huwwa biss il konfort taghhom u lil dan ic-ckejken x'sejjer n'ghejdlu meta iqum u jistaqsini ghal missieru?!.... (Min barra jinstema il kant intern ta l'Angli) X'inhuwa? X'inhuwa dan il kant? (Ghajjat min gewwa ta Mefistofos)

Scena IV.

Mifistofos u ta qabel.

Mifis. (Jidhol bhal wiehed mignun iddisprat) Ah Giuda! Aktar min Giuda!

Melch. Mifistofos, ikkonverti u Alla jahfirlek!
Mefis. Le ma hinix dehen! Le jiena Giuda!

Melch. Itlob mahfra l'Alla tad-deni kollhu li ghamilt u jiena nerga nghamdek anche bid-demm tighaj stess!
Mefis. Jiena mitluf, indannat! Kristu, x'inhuwa qatt li jiena ghamilt b'idejja!
Melch. Ghajdli, ghajdli, ara avolja inti wassaltna f'dan li stat ta dbatijja, jiena bhala missier l'aktar mahbub, nahfirlek!

Mefis. Dik ir-ras, malli il bojja ta id-daqqa, u infirdet mil gisem ta Cornelio u instabtet fl'art dawk il ghajnejn tighaw baqghu iharsu lejja donnhom iridu jghadduni u jikkundannawni ghall' Infern, imbghat mill gholi tass sema instama kant li ghalieh sahansitra il bojja u is-suldati bezghu u telqu jigru il barra imwerwrin, u abbandunaw il habs!

Melch. Dak kien il kant tal martri li xerdu demmhom taht l'Imperu Ruman!
Mefist. Iva, u jiena huwwa il hati, it-traditur! Haggruni, Salbuni, oqtluni, ghaliex jiena tammit biex ningannak, Santita! Jiena kont lispijja tal pretorju, id-demm ta l'innocenti, qieghed jghajjad haqq minni u mil generazjoni tighaj kolla. Salbuni, Oqtluni!

Melch. Mefistofos, il hniena t'Alla hijja akbar mid-delitti tighak! Ikkonverti!
Mefis. Le Jiena mitluf! X'jiena nara! (Jiffissa pont) Kemm spiriti.... u l'art qeghda taqbad... xmajjar tad-demm!... Ha! Ha! Ha!Ha!...Nies itiru u jinstabtu ma l'art. In-nar qieghed imiss mass sema! HA' Ha! Ha! Ha!.. Gjuda! Gjuda!.....
HA! HA! HA! HA!.... (U b'din iddahqa jitlaq jigri min fejn dahal u ihalli il bib miftuh)

Melch. Imsejken Mifistofos, tilef ir-raguni! (Jinduna illi il bieb kien miftuh) Oh! il bieb tal habs miftuh! (Jmur ihares mil bieb) Ma jidher hadd! Indajjem lil kuhadd u nohodhom fuq il ghajn jixorbu. Iva! O liema ferh sejrin jircievu l'ulied mahbubin tighaj, wara hames tijiem bil ghadcc! (Imur bejn il qwinti u jghamel finta li qighad jitkellem ma l'insara rieqda) Noto, Stefano, Tarcizio, Orazio, qumu malajr halli immorru nixorbu. Il bieb tal habs huwwa miftuh! Noto!?....... (Dejjem min bejn il qwinti imiss lil wiehed) Ikun qatt veru! Huwwa kiesah silg! (Imur imiss lil kulhadd barra min-Aronne li qieghed fuq il palk fejn jidher). O Alla tal hniena huma ilkoll mejta! (Imur fejn il qwinti tan-naha lohra) Anche dawk ta hemm geww mejtin ukoll! Mahbubin ta qalbi! Huma raqdu ir-raqda ta l'akbar martirju! (Ibirikhom) Uliedi, anche ghalikhom spicca il wied tad-dmugh u tinsabu fl'ischiera tal beati. Izda ic-ckejken Aronne?! (Imur jaqbad lil Aronne)

Aronne (Jistembah bi tbatijja) Oh gibtuh l'ilma?

Melch. Din hijja veru grazzja tassew! Jiena u ic-ckejken Aronne biss ghadna hajjin! Aronne ic-ckejken tighaj, ghandek il ghadc hux veru?.....

Aronne Hafna! Hafna!

Melch. Issa nixorbu tibzax!

Aronne U missieri fejn huwwa?

Melch Missierek telaq ghal vjagg it-twil!......

Aronne irnexxielu jahrab mil habs?

Melch Le mhux harab, ma tawh il-liberta ghal dejjem Il liberta li ma ghadndiex tmiem!

Aronne Missier qaddis, inti qieghed tibki, ghajdli dana xifisser?!

Melch. Ibni (Jghanqu mighaw)

Aronne. Qatluh sgur lil missieri!
Melch. Missierek qieghed f'post tajjeb. Nahsbu issa ghalik.
Aronne. Iva, ~~issa~~ jiena hlòmt li gew jihdu lill missieri ghal mewt.
Melch. Il holma tieghek kienet vera, ibni!
Aronne O helù Gesu, jiena issa wahdi fid-dinja!
Melch. Le ibni Aronne ghad faddallek lili! (Jghanqu)
Aronne Iva, inti huwwa il missier tighaj u dawk l'insara l'ohrajn huma huti.
Melch. Anche dawk ibni, l'ghadc kien il martirju taghhom, u jisabu ilkoll mejtin!
Aronne Mejtin? Haga li tbazza! (Imur ihares bejn il qwinti)
Melch. Le ibni dawk lerwieh taghhom kollha ittajru lejn is-sema. M'intiex thoss ir-riha tal ward u tal gilji li hierga min giesimhom?

Aronne Iva Santita, il habs donnu imbidel fi gnien mimli bil fjuri.
Melch. Huma raqsu ir-raqda tal beati. Huma ilkoll qeghdin igawdu fil genna ma missierek, ma ommok u ma Benjamino.

Aronne Anche lili il ghadc sejjer johodni fejn missieri?!
Melch. Le ara il bieb tal habs huwwa miftuh u ma jidher hadd, imxi halli nixorbu! (Huma u hirgin jintaqaw ma Balzibar fil bieb illi jinpedijhom mil pass)

Scena V.

Balziban, Melchiade, u Aronne.

Balzi. (Liebes mant twil iswed, jidhol min bieb, jgholli idu u jipedixxi il pass lil Melchiade) Jeqaf hemm!
Melch. Tlifna kull tama!
Aronne Jiena dalwaqt immut! (Jaqa ghaxi f'lart)
Balzi. Sommo Pontefice!

Melch. Nista naf min int?

Balzi. Jiena huwwa Balziban, wiehed mil kbarat ta Ruma, gejt inkarigat mill'Imperatur Massenzio b'missjoni l'aktar kbira.

Melch. Xi tkun qatt dina il missjoni tieghek?

Balzi. Li nohorgok min gio dan il habs! Insalvak!

Melch. O liema ferh, ma ma nafx kif naqbad nirringrazzjak! Nobbli Sinjur, mela tridc jekk jogbok iggibli qatra ilma imqar biex inxarrab daqxejn ix-xugtejn ta dan it-tfajjel li qieghed jillotta mal mewt binn nixfa ta l'ghadcc.

Balzi. Iva, jiena naf illi dawn humma kollha vittimi ta l'ghadcc u il guh, (Juri b'idu lejn il qwinti) u min sigha ohra ukoll tiddependi il hajja tieghek u ta dan it-tfajjel , izda jiddispjacini li ma nistax naqdik...... Hares hemm il ghajn ta l'ilma kif hijja imdawra bis-suldati?

Melch. Ma kif qabel ma kienx hemm suldati?

Balzi Ghandek tkun taf illi dan huwwa mument l'aktar terribli ghal Ruma, Ruma qeghda tistenna hwejjeg kbar u kulhadd ghajnejh fuq il kap tal knisja x'sejjer jigri minnek min hawn u ftit iehor......

Melch. X'jista jigri aktar milli naqa u immut?

Balzi. Din l'ahbar li kulhadd qieghed jistenna, ma jiena ghan-nom ta Massenzio gejt nifrixlek pian l'aktar sabieh u bieh takkwista mhux biss il liberta ma tkun padrun ta kull ma tixtieq.

Melch. Il-liberta! Inkun anche padrun tal knisja li huwwa ghalaqli?

Balzi. Ta kull ma trid, basta illi inti tghamel dak illi sejjer nghajdlek.....

Melch. Nisimghak!

Balzi. Jiena naf illi inti bil bosta gharef u qawwi u ghalekk inti bil gherf tighak tista tghamel konkwisti kbar.

Melch. Konkwisti kbar? L'Erwieh biss ghal knisja ta Kristu huma il konqwisti tighaj!

Balzi. Iva l'erwieh imma kun ghaf illi inti tinsab ingannat, ghaliex Kristu, il Knisja u il Vangelu huma kollha hwejjeg inventati min tnax il sajjed injoranti u ghalekk inti kap tal hrejjef u tad-dutrina falza.

Melch. Sinjur, fik jghammar l'ispirtu malinju. Il Knisja Kattolika hijja l'Opra t'Alla u Kristu huwwa dak illi qabel ma miet, fil kap tal Knisja halla rapresentata il persuna Divina Tighaw.

Balzi. Isma minni, inti gharef u ghandek is-seta li tista twaqqaf Knisja ohra Anti Kristu u tigbed lid-dinja kollha mighak, u allura inti tkun tista tigbed fuqek l'Ammirazzjoni ta l'Augusto Massenzio u tghamel li il kbarat ta Ruma kollha ikunu mieghek sabiex ikabbru din is-setta gdida Anti Kristu u tara kif ma tibqax ippersegwitat.

Melch. (B'solennita) Inti mhux bniedem! Arga l'ura Satana Dbighed ja Satana!!! Dbighed minni!

Aronne (Qisu mejjet) Ma niflahx izjed! Tuni ftit ilma!

Melch. Ibni, l'ghajnuna t'Alla biss trid tkun ghalina!

Balzi. Hares, dak it-tifel dejjer imut htijja tighak ghax ma tridc tisma minni, u ghalekk intkhom tinsabu taht is-setgha tieghej! Minni tiddependi il hajja u il mewt taghkhom! Ghax min hawn sgur li ma tohorgjux. Ghamel dak li ghadtlek u ikgholkhom ilma u kull gid li tixtiequ. (Jihdu bejn il qwinti) Hares lejn Ruma kemm fiha rikkezzi, dik kollha tighek.

Melch. Mhux bil hobs biss jghajx il bniedem, jekk Alla irid izomna hajjin ghal finijiet Divini tighaw! huwwa jista jghamel mirakoli mghana u itina kull ghajnuna! Satana, fl'isem tan-Nazzarenu, itlaq! (jghamel is-sinjal tas Salib)

Balzi. (Ghal din il kelma jitkexxkex u imur jaqbad lill Aronne u lil Melchiade) Iskot min ghawn hajj ma tohrodc sgur! (Fil hin jinstema ghajjat min gewwa ta ferh) Vittorja! Vittorja! Viva is-Salvatur Viva il-Liberta ta Ruma! Viva Costantino ir-rebbih

Min Barra

Melch. Dan l'ghajjat ta ferh! Costantino rebbieh?! Kuragg Aronne! Ftit minuti ohra! Jiena diga qieghed inhoss il qawwa li kelli qabel! (Imur jikkonforta lill Aronne)

Balzi. Sahta ta l'Isperti infernali kollha! Costantino dahal gewwa Ruma! Rebhet il Knisja u jiena tlift l'aktar battalja! Addio persekuzjoni! (Jinstema min gewwa kant korali ta trionf jew marsja bil banda dejjem joqrob sakemm jinzel is-separju. Balziban imur jaqbad lil Melchiade min ghonqu, ghawn jitfacca S. MIKIELbis-sejf f'idu, ghad dera tighaw Balziban jitlaq lil Melchiade)

Melch. (Barra minnu innifsu bil ferh) Satana qighad tisma id-dahqa regat derhet fuq wicc l'Insara. Hekku is-salib ghaddej trionfalment min Ruma ! Ghalxejn inti tithabghat ghax Kristu fuqek Jimpera sa l'Ahhar!

Balzi. (Imur ihares mil bieb) Disperazjoni'. Is-Salib f'idejn Costantino rieaq l'hawn! Gej biex jehles lil Papa mil habs Slaleb bl'eluf fidejn is-Suldati Ruma saret huggiega tas-Slaleb! Forzi aktar ma ghandix! Is-Slaleb sejrin jordmuni tahthom! (Isaffar tisfira u jidlaq fil waqt li san MIKIEL jisparixxi)

Melch. Nizikhajr Mulej! (Imur ma gemb Aronne, jerfaw, u jiehdu ma gemb il bieb)
Ckejken Aronne, kuragg! Hares-kemm nies ixejru il bandieri! Hares liema splenduri ta ilbies! Kemm suldati u kemm standardi bis-slaleb fuqhom! (Jgholli idu u ibierek)

Aronne   Min huwwa dak li miexi quddiem, bil kuruna f'rasu tar-rand? (Melchiade izomm dejjem lill'Aronne)

Melch.   Dak huwwa l'Imperatur Costantino. Waslet ix-xemx tal paci u tall liberta! (Jgholli idu u ibierek)

Aronne   Santita, issa ikolna ilma x'nixorbu?

Melch.   Iva ibni, ikolna kull ma nixtiequ! Ah kieku kien ghadu hajj missierek u dawn uliedi Insara, halli kieku jaqsmu mghana il ferh!!

Aronne   Huma mietu ghall liberta ta Ruma!

<u>Scena Ultima.</u>

<u>Melchiade, Aronne, Eusebio, u zewg suldati Galli.</u>

(Eusebio jidhol b'zewg suldati mighaw u imur jinxtehed gharkubbtejh quddiem Melchiade)

Eusebio   Santita, grazzi il hanin Alla li ilhaqtek hajj! Hekk liben tighak, l'Isqof Eusebio ta Cesarea, fl'isem ta Augusto Imperatur Costantino, gejt bhala ambaxxiatur biex nilliberak! (Is-Suldati ihollu il ktajjen lil Melchiade, u Eusebio ibus riglejn il Papa) L'Imperatur qieghed hawn jistenik mal poplu!

Melch.   Ibni l'ghaziz! (Jghannqu mighaw) Hawn jiena lest biex nghannaq lil Costantino ma qalbi, ma qabel xejn nitolbok tghatini ftit ilma! (Melchiade jaqa ghaxi f'idejn Eusebio, u Aronne jaqa fl'art. Wiehed mis-suldati imur jerfa lil Aronne)

Eusebio   Suldati, ilma malajr! (Suldat johrog jigri u jidhol malajr bl'ilma)

Aronne   Ilma! Ilma! Jiena qieghed immut! (Is-suldat imur biex jisqi lil Papa)

Melch.   (Bi sforz kbir) L'ewwel lit-tifel! (Suldat jisqi lill Aronne, imbghad lil Melchiade) (Il musika qorbghd sewwa, qalb l'ghajjat ta ferh, jinstama) Viva il Papa tal Paci! Viva Ruma ta Costantino! Viva il kap tal Knisja! (Bil mod il mod jinzel is- separjiu)

Mun Barra)

separju.)

## JISPICCA IT-TIELET ATT.

### Atto Quarto

Dawl Abjad. Fuq il kampidolio. Gholja kollha fjurita li minna tidher l'abitazjoni kollha ta Ruma. Fil gemb hemm lest it-tronn ghall'Inkoronazjoni tal Papa u fin-nofs hemm Artal fejn ghandu jigi imwaqqaf is-salib. Fuq l'artal hemm kull ma jinhtieg ghal mghamudijja u anche xi fjuri. B'inhar ma inzul ix-xemx.

### Scena I.

DiaconoI (Ghandu f'idejh it-trerenju tal Papa kollu deheb u djamanti) Huti is-sema ihallas ixxghol taghna! hdimna il-lejl kollu, imma nistaw nghajdu illi koll-ox huwwa lest ghal mghamudijja ta l'Imperatur Costantino, u l'Inkoronazjoni tal-Missier tghana il Papa. Dan it-trerenju miksi bid-deheb u bil hagar prezzjus, hadmithu il principessa Nisranijja Aniese, li kienet weditu kemm il darba il Papa jigi illiberat mil habs bil Vittorja ta Costantino u il Kappa li ghandu fuqu il Papa kienet merfuha ghand familja ohra Nisranijja.

Diacono II Il missier tghana Melchiade huwwa veru bniedem qaddis is-sema tah id-don tal profezzijja, is-setgha li jghamel il Mirakoli u ghallekk qatt ma huwwa bizzejjed dak li nghamlu mijghaw.

Diac. I. Kemm ahna tassew ixxurtjati li nghajxu ma gemb qaddis

DiaconoII Malli l'Imperatur Costantino dahal rebbieh gewwa Ruma, l'ewwel hsieb tighaw kien illi il kap suprem tal Knisja Universali jigi illiberat mil habs u jarga jghollieh fid-dinjita tighaw!

Diacono I. Tliet tijjiem biss ghadhom ghaddew min mindu Costantino rebah il kbira Vittorja u li Ruma, helset mit-tirann taghha Massenzio, izda haga tal ghageb, li anche is-sema ta Ruma pagana jidher aktar sabieh, anche ix-xemx ta l'ajru jinhass aktar ifuhu i l'istess cittadini regjat dehret fuqwicchom id-dahqa illi ghal tant snin kienu jghejxu qalbhom ittaqtaq fil perikolu tal mewt.

Diacono II. Ma issa wara 300 mitt sena ta persekuzjoni wasal iz-zmien illi imut is-serp velenus tal paganesimu. (Sa dan it tant id-djakoni l'ohra kienu applikati jippasiggaw u jikelmu bejn-ithom.)

DiaconoI. Gej il Papa! (Ghal din il kelma id-djakoni kollha imorru f'post wiehed)
(Jitkanta "TUEX PONTIFEX.")

Scena II.

(Melchiade, Eusebio u il cor tad-djakoni)

Melchiade (Jidhol ma Eusebio liebes kappa bajda miksijja bid-deheb u kollha fosos tad-djamanti) Eccelenza Pontefice Eusebio, min kien qatt jobsor illi hawn fuq il kampidolio, wara 300 mitt-sena ta persekuzjoni l'aktar qalila, hawn stess fejn l'art tant drabi ixxarbet bid-demm ta hutna-l'isfqijiet u miljuni ta Insara, illum ghandu jittrionfa is-salib imqaddes.

Eusebio. Santita, huwwa veru jum ta l'akbar ferh ghall Insara kollha! (Eusebio ghandu il kuruna tar-rand f'rasu)

Melch. Qatt ma kont nobsor bejn li jiena xih, u bejn id-dbatijja tal habs, li Alla kien sejjer jaghtina dawn il grazzi kollha. Qabel immut sejjer ikolli ukoll ix-xorti illi nghamed lil Imperatur Costantino.

Euseb. Eva Missier qaddis tighej, ijja vera xorti. huwwa, sa kemm kien ghadu ma rax dak il prodigiu tad-dehra tas-Salib, kien ghadu ostinat fit-twemin tal Paganesimu, ma wara huwwa stess qalli bid-dmugh f'ghajnejh illi irid isir Nisrani u mill aktar fiss jircievi il maghmudijja!

Melch. Ma narax il mument li nghannaq ma sidri lill Costantino.

Euseb. Qalli li ghandu ikun ghawn ma inzul ix-xemx.

Melch. (Idur fuq id-djakoni) Uliedi il paci maghakom!

Diaconi U mighak ukoll missier qaddis tghana! (Id-djakoni kollha iduru ma Melchiade, bix ibuslu il libsa)

Melch. Oh zghazah mimlijien blispirtu tal Mulej, anche it-tronn waqqaftu ghal missier taghkhom?

DiaconoI. Hijja ix-xewqa tal l'Imperatur Costantino u tas-senat mal poplu kollu ta Ruma illi il missier qaddis tghana, il Papa, jerga jircievi l'unur tat-tronn u il kuruna sabiex isaltan mill belt Eterna fuq l'Insara kollha tad-dinja.

Melch. Bravi uliedi, inhosskhom qeghdin timlewli qalbi bil ferh! Mhux ghalijja, imma ghaliex il Papa jirrapresenta lill Kristu fuq l'art. (Idur fuq Eusebio) Pontifice Eusebio, nippresentalek lill ulied mahbubin tighaj. Dawn huma kollha Djakoni li s'issa kienu ghadhom mohbijja fil katakombi. Huma li speranza tal Knisja Kattolika.

Eusebio - Nifirhilkhom b'qalbi kollha, il Knisja, taht L'Imperu ta Costantino, sejra terga tara id-dawl tax-xemx, u jiena ghan-nom tal missier taghna il qdusijja tighaw il Papa, nawguralkhom illi gurnata tkunu ilkoll Isqfijiet b'hali, sabiex tkunu tistaw tpaxxu il merhla ta Gesu Kristu?

Melch. Min fommok l'Alla Eusebio! (Idur b'sollenita bejn il qwinti) U inti Aronne ftakar x'sejjer nejghdlek!! Dak li inti qieghed tahseb bhal issa ghad irid jghaddi kollu min fuqek.

Scena III.
Aronne u ta qabel.

Aronne. (Jidhol u jibqa skantat bejn Melchiade) Santita, forsi inti taf il hsibijiet tighaj?

Melch. Tistghageb ibni? Inti tifel intelligenti u ghad jigi zmien illi ghad tifhem il ghaliex il ghadcc u il giuh, hemm gewwa il habs, ma temmewkx ma l'Insara l'ohra. Inti ghad tkun sacerdot, imbghad Isqof u meta ikollok sittin sena, Ruma tifrah bik u min fuq dak it-tronn tkun tista tiggoverna il Knisja ta Kristu!

Aronne (Mistghageb b'din il profezzijja ma l'ohrajn kollha) Santita! (Aronne jorbod idejh u ibaxxi rasu)

Melch. It talb tal missier tighak Cornelio ghandu qawwa kbira quddiem it-tron t'Alla u id-demm tighaw qieghed ilestilek it-trieq! (Idur fuq Eusebio) Eusebio, sa kemm jasal Costantino, kompli ghajdilna fuq id-dahla gio Ruma.

Eusebio Santita, kif diga ghedtlek, il Vittorja tghana kienet verament prodigju ghall ghajta ta Costantino: " Fl'isem tas-Salib ahna nerbhu"? Is-Suldati tghana intlew bil kuragg u lghedewwa bdew jinghaqdu mghana u jinzlu gharkubbtejhom quddiem is-Salib ta l'Istandard ta Costantino li huwwa stess kien qieghed jimmarcja l'esercitu, meta ra illi wasalna wara is-swar ta Ruma u ra lis-suldati ta Massenzio qwasi kollha irrendew, ta ordni biex jekk jista ikun nithlu fil belt rebbiehin minghajr tixrid ta demm.

Melch. Bravu Costantino! Bniedem verament ta qalb nobbli! (Fil hin jinstama daqq ta trombi)

Eusebio Hekku, Santita! Wasal l'Imperatur tal Vittorja! (l'ohrajn kollha imorru iharsu , Melchiade imur fuq it-tronn)

Melch. Inhoss qalbi tant debboli li forsi ma tkunx tiflah ghal dan il ferh!!!

## Scena IV.

Costantino, Brittanico, Suldati Galli bil mantij iet kohol u homor u ta qabel kollha.

Cost. (Jidhol quddiem bli standard f'idejh)"Il labaro" (Bis salib fuqu u bil kuruna tar-rand f'rasu u mant twil ahmar tal bellus, mizmum min suldat, ma gembu zewg suldati bil pjumi bojod, suldati ohra bli stemmi u bli skudi bis-salib fuqhom, ohrajn bit-trombi tal fidda. Brittanico fil-lemin ta Costantino, ferut, u f'rasu ghandu ukoll il kuruna tar-rand tal Vittorja , fuq il faxxa li ghada imcappsa bid-demm, malli Costantino jasal ma gemb Melchiade.) Gharkubbtejkom ilkoll quddiemu il Vigarju ta Kristu Infallibli! (Costantino u l'ohrajn kollha jnzlu gharkubbtejjhom)( frejdaa jittol isseffis ir-rand!)

Melch. (Jinzel min fuq it-tronn u imur hdajn Costantino) Massimo Pontefice u Imperatur Augusto, nitlob li tqumu bil wifqa ma l'ohrajn kollha, minhiex den ta dawn l'unuri. (Costantino iqum u l'ohrajn kollha.)

Cost. Jiena mhux biss inzilt gharkubbtejja quddiem il kap suprem tal Knisja Universali, il Papa infallibli, ma quddiem il qaddis li ghandu is-setgha jirxoxta anche lil mejtin!

Melch. Alla jinqeda bl'istrumenti tighaw anche l'aktar nies cejknin . Hallini issa nghanqek ma sidri

u nifrahlek bit-trionfi li gibt mal-Vittorja tighak! (Jghannäq lil Costantino)

Cost. Grazzi lil hanin Alla, Santita, sofrejna min kollox, inhsilna bid-demm, ma bis-sinjal tas-Salib hrigna rebbiehin u dhalna gewwa Ruma qalb l aktar trionfi. Grazzi ukoll lil qalbieni Brittanico illi bis-sider qawwi min tighaw ghamilli tarka u helisni mil mewt biex ilhaqt lilek, mimli bil hajja u stajt nilliberak mil hruxijja tal habs. Ifirhulu lil Brittanico ghaliex anche lilu xerqed il kuruna tar-rand. Jiena ghal valur tighaw iddekorajtu bi grat ta General! Ifirhulu!

Britt. Grazzi Cesare Augusto, jiena ma ghamiltc haga ohra hlief zammejt il kelma li tajtek, hemm fuq l'Alpi ta Torino meta offrejtlek dak is-sabieh fjur Imperjali ghan-nom ta shabi, is-suldati kollha! (Id-Djakoni kollha imorru jghamlu riverenza)

Melch. O kbir Imperatur Augusto tal Gran Brettanja, Costantino, inti huwwa is-salvatur tighaj u Benefattur kbir tal Knisja ta Jesu Kristu!

Cost. Iva jiena min dan il hin stess nordna lis-senat illi jinfethu il bibien tal habs ghall Insara, l'Irsira kollha ikollhom il-liberta!

Kulhadd Viva il liberta! Viva Ruma ta Costantino!

Cost. Jinfethu il knejjes ghal qima tal Insara u is-Salib johrog mil Katakombi biex jara id-dawl tal qlub ta ulied il Mulej!

Kulhadd Viva is-sinjal tas-Salib! Viva is-salvatur ta Ruma!

Cost. Ahna irbahna Ruma bit-tixrid tad-demm, ma Ruma sejra tinqassam v'zewg parti, jiena inkun Imperatur, il massimo Pomtefice ta Ruma u nahseb ghal ghejxin tal poplu u il Papa ikùn l'Augusto Imperatur, il Liber Pontificalis, is-sommo Pntefice tal Knisja Universali! Jena sejjer niccoronac. (Imur jaqbad it-trerenju min fuq l'artal, ipoggih fuq ras Melchiade u jinzel ibuslu riglejh)

Eusebio. – Issa immorru ingibu cull ma jinktieg ghal l'Incoronazioni.

Kulhadd. (Barra Costantino) Viva is-Sommo Pontefice! Viva il Papa infallibli! (Ihabtu idejhom iz-zewg suldati ta l'imriwah imorru joqghodu wiehed kull naha ma gemb it-tronn tal Papa u sa kemm l'orkestra tispiccja l'innu barra mis-suldati il present, kulhadd imur ibus riglejn il Papa, wara Costantino.)

Musica N. II

Melch. O kbir Augusto tal Gran Brettanja mhux ta xejn illi il fama tal qdusijja tal Imperatrici ommok Elena, ghamlet echu mad-dinja, kollha, ghaliex il virtu tidher tiddi anche fuq wicc nobbli ta binha, il kbir Costantino , u jiena sejjer nghejdlek illi; bhalma inti rajt jiddi fis-sema is-salib tan-Nazzarenu u bieh inti irbaht, hekk ukoll e illi l'Imperatrici ommok ghad ikolla ix-xorti issib dak li qeghda tfittex u ikolla f'ideha is-salib imcappas bid-demm li fuqu miet Gesu, u ikun dak is-salib illi igib il paci fid-dinja.

Cost. Eccelentissimu Eusebio, ikteb, ghaliex il qdusijja tighaw ilPapa ghandu id-don tal profezija!

Eusebio Huwwa veru Maesta, min mindu tlaqna mil Gran Brettanja sa dan il mument, ma halletc tahrab okkasjoni li ma nizziltiex fli storja.

Melch. Mahbub Eusebio ikteb ukoll "Cornelio" nobbli senatur eroi nisrani, li xerred demmu ghal liberta ta Ruma.

Cost. O Cornelio, xtaqt li kien ghadu hajj biex kont nghollieh fl'akbar grat ta l'Imperu wara il persuna tighaj.

Melch. Hekku liben ckejken tighaw Aronne! (Jippresentalu lil Aronne)

Cost. Ckejken Aronne, dak li ma statc nghamel ma missierek, nghamlu mighak! (Ibus lil Aronne fuq gbinu)

Aronne Grazzi Maesta! (Ibus lil Costantino)

Eusebio Maesta, issa ippermettili nurik ix-xewqa tas-senat! (Johrog pergamena u jaqra) "Ahna is-senat mal poplu ta Ruma id-decidejna li bhala tifkira tal Vittorja tal Imperatur Cesare Augusto Costantino inwaqqfghulu ark trionfali b'din l'iskrizzjoni; Lil kbir Augusto Massimo laktar felici, liberatur tal belt, donatur tal paci lir-republika, ghal dan, illi imhabba l'Ispirazjoni Divina u il kburijja tal kuragg tighaw , u il qawwa tal armi tighaw, huwwa f'gurnata rebah l'irrepublika u il-libera mit-tirann mil hruxijja u anche mil paganezimu. (Capcip generali ta l'idejn)

Cost. Nirringrazzja lis-senat. Huwwa veru illi mill lum il quddiem tieqaf il persekuzjoni kontra il Knisja ta Kristu, jinghalqu it-tempi u jitfarku l'idoli u jispicca il paganesimu, u inkun l'ewwel wiehed jiena li nati l'esempju. Santita, ghammidni, Eusebio ikun il parrinu tighaj!

Melch. (Jinzel min fuq it-tron, Brittanico jiehu l'istandard min idejn Costantino jinzel gharkubbtejh quddiem Melchiade. Diaconu imur igib li jinhtig ghal mghamudijja. Eusebio izomm ix-xugaman u iqieghed idu fuq spallejn Costantino, qalb l'izbah kant il Papa jghammed lil Costantino, Melchiade jghannaq lil Costantino, u l'ohrajn

Conte N 5

kollha imorru ibusu ic-curkett ta Costantino)

Cost. Issa l'opra tighaj ijja mitmuma, jonqos illi hawn fuq il kampidolio inwaqfu is-salib biex ma inkunx izjed ta forka, imma oggett ta adorazjoni. (Imur jihu salib kbir u ipoggieh fuq l'artal, gh ghawn kulhadd jinzel gharkubbtejh, idoqqu it-trombi u il qniepel).

Scena V.

Galeriano u ta qabel kollha.

Galer. (Liebes ta general ma imghotti b'mant twil, jidhol imbikki bil maktur fuq ghajnejh, jaqla l'elmu u jinzel gharkubbtejh ma jiflahx iktar izomm bil commozjoni allura iqum u imur b'girja jinxtehed gharkubbtejh f'riglejn Melchiade) Santita, nitolbok tahfirli! Augusto Imperatur u il presenti kollha nitlghbkom tghadru dan id-dnugh tighaj! (Jibki)

Melch. (B'ghageb ta kulhadd) Inti huwwa Galeriano! Il generalissimu ta Massenzio!

Galer. Iva ja bniedem qaddis, ma mhux generalissimu jiena huwwa l'aktar bniedem id-dizgrazzjat, u mishut ghaliex sawwat lil Vigarju ta Kristu!

Melch. (Bil Hlewwa) Ibni l'ghaziz, xejn la tiddejjaq, jiena nahfirlek! (Jghanqu mighaw, kontra xena ta kulhadd)

Galer. Inti tahfirli imma il profezzija tighak sehhet, u Alla ikkastigani: "Dak id-drieh li bieh sawwat lil Vigarju ta Kristu ma jinzilx mighak fil qabar! "Tiftakar?"

Melch. Niftakar!

Galer. (Iwaqqa il mantell min fuqu u drighu ma jezistix mighaw aktar) Ekku dak id-drieh ma jezzistix aktar?! (Kontra xena ta kulhadd.)

Cost. (Wara li fela lil Galeriano) Issa qieghed ngharfek! Inti huwwa il general fidil ta Massenzio, li mighak ikkombattejt sider ma sider, u kif xejjirtli id-daqqa ta xabla kien pront laqqahhieli il valorus Brittanico! Il ferita ta rasu tghati xieda!

Galer. Kollu veru Imperatur Augusto, jiena ikkumbattejt kontra tieghak fil kamp tal gwerra u kontra il Papa fil kamp tal Knisja, ma issa nitlob mahfra lil koll, jiena huwwa il veru bniedem, miserabbli u Massenzio aktar minni ghaliex huwwa ghereq fix-xmara Tevere.

Cost. Massenzio Ghereq?!

Galer. Iva Maesta! Meta inti ftaht il biebin tas-swar biex tidhol fil belt ta Ruma, Massenzio tilef rasu, fittex biex jahrab u ma l'esercitu tighaw kollu ghadda min fuq il pont Melvio, li kien nasab biex fieh iwaqqa lilek u serva ta forka ghalieh in-nifsu u ghas-suldati li kellu mighaw! (Jinstema xi ghajjat fil boghed) Isimghaw ejjew harsu! (Barra min Melchiade, li jibqa fuq it-tronn, kulhadd imur Ihares) Hekku fejn ijja il qawwa ta Massenzio! Dak illi il bierah ghal kelma tighaw Ruma kienet tinzel gharkubbtejha quddiemu, tiksih bil girlandi tal ward u tatih il fwejjah ta l'Ingwent illum il poplu mitluf fid-delirju tal ferh ghall vittorja tal Maesta Tighak, mar b'girja ghal gewwa ix-xmara, tellaw il gisem mgharraq ta Massenzio, qatghawlu rasu, wahhlugha ma lasta ta bandiera, u qeghdin jigru bigha mal Belt kollha ta-Ruma!

Melch. Gjustizzja tas-sema! Min kien jahseb illi huwwa is-sid tad-dinja, illum iddisprezzat min kulhadd.

Galer. (Dejjem bejn il qwinti) O Massenzio, fejn huwwa id-drigh tighaj li ghal tant snin servik u sahansitra biex jiddefendik, sawwatt lil Vigarju ta Kristu. Hemm fil kamp tal battalja, huwwa waqa u gie mishuq taht ir-riglejn taz-zwiemel u ta l'istess suldati tighaj. (Imur friglejn Melchiade) Hekku il il kastik tighaj Santita! -

Melch. Eccelentissimu General, inti dnibt, ma il hniena t'Alla hijja kbira u huwwa jahfirlek.

Cost. U mighaw jahfirlek ukoll l'Imperatur ta Ruma, Costantino.

Galer. Grazzi o qlub verament nobbli! Jiena hawn quddiem dan is-Salib inwighad illi inservi fedelment l'Imperatur tighaj u lil dak Alla ta l'Insara, li jiena, mixhut fid-dlamijiet tal paganesimu, ma kontc ghadni gharaft, ma issa inhoss illi anche ir-ruh tighaj intliet bid-dawl tal fidi! (Idur lejn Melchiade) U int Missier qaddis, wara li tkun ghallimtni id-dutrina tan-Nazzarenu, qeghdni fil merhla tighak.

Melch. Mad-Dumx wisq illi bhal kbir Imperatur Costantino tigi mahsul bl'ilma tal mghamudijja.

Galer. O liema ferh! Millum il quddiem is-Salib ikun il Fidi tighaj u nispera illi il konversjoni tighaj ikollha effetti kbar fuq in-nobbli kollha ta Ruma! Jiena min issa stess immur biex nibda il missjoni tighaj Kontra il paganesimu u ngholli il fuq, il Knisja tal Veru Alla.

Scena Ultima.

Balzibar u ta qabel kollha.

Balzi (Jidhol imkebbeb f'lizar abjad u imur fuq Costantino) Grazzja! Grazzja! Nitlob li tissuspendi kollox

(Impressjoni generali) Maesta, fittex nehhi dak is-salib min hemm ghaliex komplott kbir ta Cospiratur qeghdin ifittxuk ghal mewt.

Cost. Ghal mewt lili? Ma ir-Rumani kollha laqawni qalb l'akbar ferh!

Balzi. Eppure gheluf ta ghedewwa bit-torca f'idghejhom qeghdin jghatu in-nar kullumkien, fejn jistaghaw jahsbu illi inti tinsab mohbi.

Cost. Nista naf ghaliex?

Balzi. Ghar-raguni li ergajt ghollejt fuq it-tronn il kap tal Knisja biex thalli is-Salib tal forka jittrijonfa u jeqred lil paganesmu. Nitolbok waqqa min hemm dak is-Salib u ahrab mil-aktar fis!

Cost. (Idur fuq is-suldati b'awtorita kbira) Suldati, iddefendu lill Imperatur tghakhom!....

Melch. Hadd ma jiccaqlaq! (jinzel min fuq it-tron) Cesare Augusto dak is-salib jibqa hemm sal Consumazjoni tas-seçoli biex ikun id-dawl tad-dinja, il konfort tal-Imdejqin u il qawwa tad-debboli! Tridu issa tkunu tafu min huwwa dan l'ambaxxiatur? (B'sollenita jerfa idu u jghamel is-Sinjal tas-Salib) Satana, fl'Isem tan-Nazzarenu, nikkmandak halli darba ghal dejjem din il belt imqaddza bid-demm tal Martri u mur gewwa l'Infern!

Balzi. Anche hawn fuq il kampidoljo fejn b'daqqa ta ghajn kont nahkem lil Ruma kollha, gie imwaqqaf is-Salib Dannazzjoni! L'Idoli ga bdew jintradmu taht l'Art! X'sejjer ikun min hawn u ftit iehor? Ruma ma hix aktar ghalijja tlift kull tama?! Ma jiena nibqa nikkumbatti sakemm tispicca id-dinja u hemm fin-naha tal Vant u anche fl'europa ghad jigi zmien illi jirxoxta Neruni iehor u id-dinja

#Trabocchetto (Preparazione)

naqlibha ta taht fuq u ingjarraf il knejjes ta Kristu ghal dejjem!

Melch. O Spiritu infernali, inti tithabat bhal dac is-serp velenus, ma Kristu fuqek jimpera sa kemm jispiccaw il generazjionijiet kollha!

#

Cost. (Costantino jehu f'idu l'istandard) Costantino, inti inti bis-sijal tas-Salib terbah! (Ixejjer li standa

Balzi Iva, jiena tlieft l'akbar Vittorja! Demonji!, ifthu il bieb ta l'Infern halli jidhol l'anglu tas-sahta u tad-dlamijiet! (Jarmi il-lizar min fuqu u jitfacca liebes ta spiritu infernali, jghajjat ghajta tal biza, isaffar tisfira u fl'ehha ta berqa tan-nar qawwi jisprofonda ruhu taht l'art.

Trabocchetto

Melch. (Imur ihares bejn il qwinti) Ruma ta Costantino! Ulied mahbubin tighaj u tad-dinja universali, quddiem l'Imqaddes Salib li fuqu l'Ostia Immacolata immolat ruhha ghal fidwa tar-ruh taghna, nitlobkhom b'vuci wahda tkantaw l'innu tal ferh u tal Vittorja!

CRISTUS VINCIT!
CRISTUS RENIAT!
CRISTUS IMPERAT!

Canto N 6

(Qalb l'akbar ferh ta kulhadd, titkanta "Cristus Vincit " ecc.......ecc........ Melchiade jghannaq lilCostantino u quddiem dan il qwadru jinzel is-separju bil mod il mod)

<u>JISPICCA ID-DRAMM</u>

SIG: GALEA CARMELO
AUTORE.

Copia di

G. Bianco

## Ta Bisogno

## Prologu.

Xena: Kamp imperjali u xi kompjijiet fil boghod, daqs ta Trombi u Kant min gewwa, Tjur abjad, Kuruna Rejali ghal Costantino, Ittra ghal Brittanico, Salib ghal Eusebio, dehra tas-Salib, Trombi tad-deheb, xwabel, Torci u Skudi ghas-suldati Galli; Salib ghad-dehra ta Kristu, Muviment ta Guerra fil boghod

## Atto I

Xena Katakombi, Artal fuqu fjakkoli mixghula u fjuri, fuqhom jaqbad bil hatab ghas-shana, il qabar ta San Tarcizio, Ittra ghal Cornelio, Strecher moghtti bl'izar, demm ghal

Benjamino, Manetti, Nuvabel, Skudi, Lanzetti ghas-suldati Rumani, Xabla u Libsa ta Suldat ghal Cornelio.

## Atto II.

Scena Triclinju fil Palazz Imperjali ta Massenzio, kullimkien imdawwar bil girlandi tal fjuri anche il kolonni. Fil fond tax-xena hemm mejda bil fdal tal bankett: "Helu Flixken, Biegar, Kalci; kollox deheb u fidda, anche fuq il mejda hemm hafna fjuri, sufan u siggijiet ghal kulhadd. Bust ta Giove, Sinciens jaqbad qoddiemu, mazz fjuri ghal baio, cetra ghal Clotilde, pergamena ghal baio,

Pergamena għal Cornelio, pergamena għal Mifistofos, Beraq u Ragħad. Stampa ta' għid, seivda fuq il qwinti, manetti għal Melchiade, porpora, ċurkett u virga twila tad-deheb għal Massenzio, raġġ ta dawl fuq wiċċ Melchiade. Xabla għal baio, għajjat min barra u torċi mixgħula fidejn il poplu.

## Atto III

Xena, Halż, xi ġebel u tiben f'l-art, manetti għal Melchiade Cornelio u Aronne. Nero u Lexjuna għal Cassio, Ragħad u Beraq matul l'att kollu sakemm jidħol f'Ruma Costantino

Visjoni ta' Benjamino, kuruna u Palma. Torci xiwabil u skudi ghas-suldati Romani. Kanti intier ta l'Angli. Ghajjat ta' ferh u daqq ta trombi (Marcia trionfali) Min gewwa dejjem jogrob, Visjoni ta Sam Michil biss-sejf tan-nar fidejh u haga bl'ilma ghajjat ta Viva il Papa minn gewwa.

---

## Atto IV

Xena Kampidoglio campanja kollha fjuri, hemm it-tronn tal Papa fil gemb u fil gemb l'iehor l'artal fejn ghandu jigi imwaqqaf is-Salib, fuq l'Artal hemm kul ma jinhtieg ghal-mghamudijja u anche xi fjuri,

kappa kollha deheb u djamanti,
u Trerenju miksi kollu gawar
tkit kuruni tar-rand dagg tà
Trombi minn gewwa imbaghad
in-xena. Standard abjad tas-
bis-salib fil lasta u fuqu
pingut ☧. U mq dwaha iskriz-
zjoni (In hoc signo vinces).
Costantino bil-kuruna tar-rand
Mantell twil ahmar u kar
ingwanti bojghod. Stemmi
xwabel skudi bandieri ghas-Sul-
dati Galli faxxa imcappqâ bid-
demm u kuruna tar-rand ghal-
Brittanico (Innu tal papa)
Pergamena ghal Eusebio, Burkett
ghal Costantino, Libsa imqatta u
Mantell twil ghal Galerjano.
Ghajjat fil boghod (Abbasso Massenzio)
Libsa ta Satana ghal Belzibaw

Salib Kbir, Berqa u sajjetta, Visjoni -
Simbolu tal-Eucaristijja, Kanti
finali (Kristus Vincit) ecc.




LA VISIONE DI COSTANTINO. Affresco di Giulio Romano nel Palazzo Vaticano. (Fot. Alinari)

~~G. Ameri~~

Suggerito per la prima volta dallo Studente

G. A. Mecchi